# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 52 - **LULJU 2019**

# werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 6 |
| Intervisti ma' Victor V. Vella | 7 |
| Intervista ma' Michael Cini | 12 |
| Intervista ma' Raymond C. Grech | 15 |
| Kumment dwar *Fis-Satra tal-Velu* | 17 |
| Robinson Crusoe Eżista Tassew | 18 |
| *Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija* - Riflessjoni | 20 |
| Kummment dwar *IL-Wiċċ l-Ieħor* | 22 |
| Il-Poeżiji | 25 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 27 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 28 |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Din ta' Lulju 2019 hija ħarġa extra matul din is-sena. Il-materjal li qed jidħol huwa tant numeruż li l-editur iddeċieda jinkludi ħarġa bonus għal matul is-sajf. Dan anki biex ħarġa waħda ta' IL-PONT ma taqbiżx ċertu limitu ta' paġni li fl-aħħar mill-aħħar jista' jdejjaq lil dak li jkun.

Minkejja l-ammont ta' materjal li qed jintbagħat lil din ir-rivista letterarja online, l-editur jipprova jżomm ċertu livell ta' kwalità. Kif diġà ngħad drabi oħra IL-PONT jagħti spazju anki lil ilħna mwarrbin mill-kurrenti uffiċċjali. Il-kitbiet li jidhru hawn ivarjaw anki fil-kwalità letterarja u lingwistika tagħhom. Il-qarrej imbagħad għandu d-dmir li jara hu x'jolqtu l-iktar u x'jaħseb dwar kitbiet u awturi differenti li jidhru f'dan l-ispazju partikolari.

Mill-ġdid f'din il-ħarġa jidhru numru ta' intervisti ma' kittieba differenti. IL-PONT jemmen li dawn jgħinu iktar biex il-qarrej joqrob lejn il-kittieb/a kemm bħala bniedem/bniedma kif ukoll bħala individwu kreattiv. Il-kotba li huma nklużi hawn mhumiex ftit u dan jgħin biex IL-PONT jippromwovi l-imħabba u l-interess fil-ktieb aktar u aktar matul is-sajf, staġun meta dak li jkun ikollu aktar ħin ħieles u għalhekk jista' jiddedika ftit iktar ħin għall-qari. IL-PONT hu prova ħajja li l-ktieb Malti m'għandu xejn inqas minn dak barrani. Illum il-qarrej Malti għandu fejn jixxala bħala għażla kemm ta' ġeneri letterarji, kif ukoll suġġetti u interessi differenti.

Din id-darba it-taqsima MINN FUQ L-IXKAFFA hija ddedikata lil numru ta' kotba li ilhom li ġew ippubblikati, xi wħud saħansitra mis-snin '80 tas-seklu l-ieħor. Huma l-kotba ġodda li l-istudenti tal-Malti Intermedju u Avvanzat se jkollhom jistudjaw għall-eżamijiet tas-sena 2021 'il quddiem. Is-sillabi l-ġodda huma ppubblikati online fuq is-sit tal-Università ta' Malta għal dawk kollha interessati. Hu importanti li sa Settembru li ġej joħorġu edizzjonijiet ġodda ta' xi wħud minnhom ladarba kopji tagħhom illum ma jinstabux u anki minħabba l-bżonn li hemm sabiex jiġu aġġornati mil-lat ortografiku.

Fuq nota differenti, dan l-aħħar kont qed naqra artiklu dwar l-importanza tal-poeżija f'Yemen li hu pajjiż maħkum mill-gwerra ċivili. Is-sottotitlu kien "Poets explore how the artform can unite people on different sides of conflict" u l-artiklu kien dwar il-fatt li l-arti, inkluża l-poeżija, hija forma ta' reżistenza. Il-poeżija bħala forma ta' reżistenza hija realtà anki hawn Malta: il-poeti bil-kitbiet tagħhom ilhom jipprotestaw kontra problemi li ilhom preżenti f'pajjiżna. Kemm inkitbu poeżiji kontra l-qtil ta' tjur innoċenti u kemm inkitbu u għadhom jinkitbu versi ta' protesta kontra l-qirda bl-addoċċ u bla kontroll tal-pajsaġġ naturali madwarna! F'moħħi jiġuni poeżiji miktubin minn poeti bħal Marjanu Vella (*Ħitan tas-Sejjieħ*), Victor Fenech (*Tradiment* u *Iż-Żabra*), Immanuel Mifsud (*Aqta' Fjura u Ibni Kamra*), Mario Azzopardi (*Fatal Flight u Il-Mewt tal-Għammiel*), u bosta oħrajn. Xi wħud minnhom saħansitra dehru fuq ħarġiet differenti ta' IL-PONT, inkluża din preżenti.

Il-poeżija għandha tkun forma ta' reżistenza kontra dak li qed idgħajjef lis-soċjetà Maltija llum, fuq kollox l-indifferenza ġenerali quddiem il-qerda dejjem tikber tal-pajsaġġ naturali favur industrija ta' kostruzzjoni li qed tibla' bla kontroll partijiet enormi minn dawn il-gżejjer ċkejknin. Il-poplu għandu bżonn fejn joqgħod, verament, daqskemm għandu bżonn toroq wiesgħa u komdi biex ma jiqafx fit-traffiku. Imma l-poeti u l-kittieba inġenerali għandhom id-dmir li jingħaqdu u jfakkru li għandna naraw lil hinn mill-ponta ta' mneħirna u ninvestu mhux fil-konkrit u fit-tarmak, li qed iħaxxnu l-bwiet tal-ftit, imma f'żoni ħodor u f'ambjent nieqes minn tniġġis differenti. Il-poplu għandu d-dritt li jgawdi żoni fejn jista' jirrilassa bla ma jxomm dħaħen velenużi u bla ma jisma' ħsejjes li jweġġgħu il-moħħ. It-tfal għandhom id-dritt li joħorġu barra minn djarhom, iħallu t-tablets u l-laptops warajhom, u minflok jiġru ġirja, jilagħbu logħba ballun, isuqu r-rota, u jesploraw siġar, pjanti, insetti, fjuri, fwejjaħ u ħsejjes naturali, li iktar kemm qed jgħaddi ż-żmien iktar qed jiġu estinti.

Dan in-nuqqas u dan l-isfreġju qed iħalli effett negattiv fuq moħħna, qed jirrendina bla sabar, taqbżilna malajr, ilsienna laxk iktar minn qabel u sirna aktar intolleranti. Il-'progress' qed ibiegħed lill-bniedem mill-oriġini tiegħu, in-natura, u qed jibdlu f'essri indifferenti, imqit, awtoma, u l-bqija.

Il-kittieba, il-poeti, l-għalliema, l-intellettwali, u kull min għandu għal qalbu lill-Gżejjer Maltin u l-pajsaġġ naturali, għandhom jingħaqdu u jitfħu għajnejn il-ġenerazzjoni żagħżugħa biex tibda tara lil hinn mill-partiti politiċi u taħdem għat-tajjeb, il-veru tajjeb, ta' pajjiżna. Jekk ma jseħħx dan, jasal żmien meta biex naraw roqgħa ħdura naturali jkollna nsiefru u nħallu lil dan l-iskoll warajna. Tkun ħasra tassew! Il-kelma ewlenija hija REŻISTENZA. Illum l-għadu mhux ġej minn barra minn xtutna, imma qiegħed fostna, hu wieħed minna, u ilu ħafna. Meta ħa nibdew nirreżistuh bis-serjetà?!

### IPPREŻENTAT KTIEB ĠDID DWAR MARTIN LUTERU

Nhar is-26 ta' April 2019, fis-Sala Santa Rita fi ħdan il-Monasteru ta' Santu Wistin fir-Rabat, Għawdex, saret il-preżentazzjoni tal-ktieb ġdid *Here I Stand. Martin Luther. Reform or reform?* tal-istudjuż u riċerkatur magħruf Agostinjan Patri Salvinu Caruana OSA. Il-ktieb, li fih madwar 500 paġna, huwa xogħol diversi snin ta' riċerka f'postijiet differenti. Il-Professur Mons. Hector Scerri, Pro-Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta għamel id-diskors prinċipali ta' madwar 35 minuta li fih għamel apprezzament tal-ktieb li nistgħu ngħidu huwa kapulavur tal-letteratura reliġjuża Maltija u li jittratta l-figura kontroversjali tal-monaku Agostinjan Martinu Luteru li għex bejn l-1483 u l-1546. Il-volum fih ukoll 46 paġna ta' ritratti tal-kulur. Fi tmiem id-diskors, il-Provinċjal Fr Leslie Gatt radd ħajr lil Patri Salvinu għall-kontribut siewi u kontinwu tiegħu li qed iwassal biex il-poplu Malti jsir jaf ħafna aktar lil Santu Wistin. Patri Salvinu ilu għal dawn l-aħħar tletin sena jgħallem fi ħdan l-Istitut Agostinjan f'Malta u l-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università. Il-ktieb jinsab għall-bejgħ mingħand il-Franġiskani Konventwali (ĊAK) f'Birkirkara kif ukoll direttament mill-Kunvent Agostinjan fil-Belt Valletta. Fi tmiem it-tnedija tal-ktieb, Patri Pirjol Adeodata Schembri OSA ħejja refreshments għal dawk preżenti.

### SALLY ROONEY TIRBAĦ IL-KTIEB TAS-SENA FIL-BRITISH BOOK AWARDS



Nhar it-13 ta' Mejju tħabbar ir-rumanz rebbieħ tal-British Book Awards għas-sena 2019: dan hu r-rumanz *Normal People* (Faber & Faber), it-tieni rumanz tal-kittieba Irlandiża ta' 28 sena, Sally Rooney. Dan hu rumanz dwar relazzjoni bejn żewġ studenti Irlandiżi, dwar iż-żgħożija, l-imħabba, il-ħbiberija u iktar. Rooney twieldet f'Castlebar, Co Mayo, fl-1991, u studjat l-Ingliż fi Trinity College f'Dublin fejn baqgħet tgħix. L-ewwel rumanz tagħha hu *Conversations with Friends* (2017, Faber & Faber) li rebaħ is-Sunday Times / Peters Fraser + Dunlop Young Writer of the Year Award tal-2017, u kien fost il-finalisti tal-International Dublin Literary Award tal-2019. *Normal People* ingħata l-Costa Novel Award (2018), Novel of the Year Award fl-Irish Book Awards, u l-Waterstones Fiction Book of the Year 2018.

### ID-DJALOGI TAL-QASSIS POETA NAXXARI DUN ANTON XIBERRAS

Nhar is-17 ta' Mejju l-Mro Manoel Pirotta ta taħdita bl-isem ta' "Id-Djalogi tal-Qassis Poeta Naxxari Dun Anton Xiberras" (1922-2006), organizzata mill-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari. Ix-xogħlijiet ittrattati kienu Taħdita Bejn Bebbuxi u Għadira, Biex Titħaddet ma' Skarpan (Richard Taylor), Biex Tagħmel Żarbun, Riklam tal-Kitty Kola, Waslet l-Elezzjoni, Xiri fit-Triq, u Tlitt Aħwa Xħaħ! Is-sit magħżul kien is-Sala 8 ta' Settembru tal-Għaqda Mużikali Marija Bambina, Banda Vittorja, Naxxar.

### TAĦDITA MINN PROFESSUR MINN PARIĠI



Nhar il-21 ta' Mejju 2019, il-Prof. Mourad Yelles mill-Inalco ta' Pariġi għamel taħdita dwar "The Status of Oral Tradition in the Formation and Evolution of Literary Canons in Algeria: from colonial to post-colonial contexts," fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, Tal-Qroqq.

Mourad Yelles għandu esperjenza kbira fil-qasam tat-tradizzjoni orali fil-Mediterran u jaf lil Malta u dan il-proġett tad-Dipartiment tal-Malti sew. Il-Prof.

Yelles speċjalizza fil-letteratura komparata u r-riċerka tiegħu tiffoka fuq l-influwenzi ta' letteraturi differenti fuq xulxin, il-kitbiet u t-tradizzjonijiet orali tal-Magreb, u fuq iċ-ċinema, il-mużika, u l-immaġinarji postkolonjali. Il-Prof. Yelles studja fl-Universitajiet tal-Algier, Londra (SOAS) u s-Sorbonne (Paris 3). Kemm-il darba għamel taħditiet akkademiċi organizzati mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, fosthom l-ewwel taħdita mis-sensiela dwar It-Tradizzjoni Orali li saret f'Mejju tal-2016.

**INEĦĦI ĦAJTU L-KITTIEB SERGIO CLAUDIO PERRONI**



Nhar il-25 ta' Mejju 2019 neħħa ħajtu l-kittieb, traduttur, editur, għalliem, u aġent letterarju Sergio Claudio Perroni. Dan seħħ f'Taormina u huwa kellu 63 sena. Kif spjega l-ġurnal "La Repubblica" wisq probabbli Perroni neħħa ħajtu minħabba li l-mard kien wasslu fi stat ta' qtigħ il-qalb estrem. Huwa twieled f'Milan fl-1956, għex f'Ruma, imma f'dawn l-aħħar snin kien jgħix ma' martu f'Taormina. Fost il-kittieba li ttraduċa x-xogħlijiet tagħhom insibu lil Steinbeck, Foster Wallace, Camus, Saint-Exupéry, u Houellebecq. Xi wħud mill-kotba li kiteb huma *Non muore nessuno* (2007), *Raccapriccio. Mostri e scelleratezze della stampa italiana* (2007), *Leonilde. Storia eccezionale di una donna normale* (2010), *Nel ventre* (2013), *Renuntio vobis* (2015), *Il principio della carezza* (2016) u *Entro a volte nel tuo sonno* (2018). Aktar kmieni din is-sena ġie ppubblikat il-ktieb tiegħu *La bambina che somigliava alle cose scomparse*.

**KORS GĦALL-QARREJJA TAL-PROVI**

F'Ġunju 2019, l-GħQPM organizzat kors li matulu twassal lil dawk interessati tagħrif fuq it-triq u l-esperjenza ta' xogħol mal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn żewġ persuni midħla ta' dan il-qasam. Dan il-kors kien imqassam fuq żewġ taħditiet u għalih setgħu jattendu l-imsieħba tal-Għaqda kif ukoll qarrejja tal-provi oħrajn diġà ggradwati u anki dawk li fil-preżent qegħdin isegwu l-kors tal-Qari tal-Provi fl-Università ta' Malta. L-ewwel sessjoni saret fid-19 ta' Ġunju, bit-tema "It-Triq għal Xogħol mal-Unjoni Ewropea", u l-kelliem kien is-Sur Norman Vella. Hu tkellem dwar it-tħejjija, il-proċeduri u l-fażijiet differenti li wieħed irid jgħaddi minnhom sabiex ikun jista' jingħażel u eventwalment jibda jaħdem bħala qarrej tal-provi f'xi waħda mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. It-tieni sessjoni saret fis-26 ta' Ġunju u t-tema kienet "L-Esperjenza ta' Xogħol mal-Unjoni Ewropea bħala Qarrej tal-Provi". Il-kelliem, is-Sur Joe Mizzi, ilu jaħdem bħala qarrej tal-provi fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewopea għal dawn l-aħħar 9 snin. Huwa tkellem dwar l-esperjenza tiegħu bħala qarrej tal-provi, fiex jikkonsisti x-xogħol, id-diffikultajiet marbutin miegħu, ir-riżorsi li jgħinuh fil-ħidma tiegħu, u anke dwar x'wieħed jista' jistenna minn esperjenza ta' xogħol barra minn xtutna. Is-sit magħżul kien iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu fil-Ħamrun.

**SEMINAR DWAR IS-SETTE GIUGNO FIL-LETTERATURA MALTIJA**

Nhar l-4 ta' Ġunju id-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta tella' seminar pubbliku bit-tema "Sette Giugno fil-Letteratura Maltija". Is-sit magħżul kien il-librerija tal-Fakultà tal-Arti fl-istess università. Dan seħħ biex jiġu mfakkra l-mitt sena mir-rewwixta li seħħet f'Ġunju tal-1919 fejn erba' Maltin li kienu qed jipprotestaw sfaw maqtula u bosta oħrajn midruba. Avvenimenti traġiċi bħal dawn ħallew il-marka tagħhom fil-letteratura Maltija, speċjalment fix-xogħlijiet ta' grupp ta' kittieba riformisti, fosthom Ġużè Orlando, Ġużè Bonnici, Juann Mamo, Ġużè Ellul Mercer, u Ġużè Chetcuti. Is-seminar infetaħ mid-dekan tal-Fakultà, il-Prof. Dominic Fenech u kien iċċerjat mill-Prof. Bernard Micallef. Il-kelliema kienu l-Prof. Oliver Friggieri, il-Prof. Adrian Grima, Maria Simiana u Mark Vella. Matul dan l-avveniment wieħed seta' jixtri żewġ kotba bi prezz speċjali dwar

is-Sette Giugno: *Ir-Rivoluzzjoni Maltija* ta' Michael A. Sant (SKS 2009) u edizzjoni riveduta ta' *X'Kien Ġara Sew fis-Sette Giugno* ta' Paul Bartolo (KKM 2019).

### STQARRIJA MILL-AKKADEMJA TAL-MALTI

Nhar is-7 ta' Ġunju 2019 l-Akkademja tal-Malti ħarġet stqarrija fuq il-kwistjoni bejn l-għalliema tal-Malti u l-Ministeru tal-Edukazzjoni. L-Akkademja tal-Malti esprimiet id-dispjaċir tagħha li l-kwistjoni bejn l-għalliema tal-Malti u l-Ministeru tal-Edukazzjoni ma ngħalqitx, bir-riżultat li nħolqu inċertezzi fuq l-eżamijiet annwali tal-Malti fl-iskejjel statali medji u sekondarji. L-Akkademja nnotat li fil-kwistjoni hemm ukoll l-għalliema tal-Matematika u l-eżamijiet ta' dan is-suġġett. L-Akkademja temmen fix-xogħol imprezzabbli li jagħmlu l-għalliema tal-Malti u għalhekk ħeġġet lill-awtoritajiet biex isibu soluzzjonijiet meħtieġa malajr kemm jista' jkun biex ħwejjeġ bħal dawn ma jerġgħux iseħħu.

### TNEDIJA TA' KONKORS ĠDID TAL-POEŻIJA

Nhar il-21 ta' Ġunju 2019 fil-Biblijoteka Nazzjonali, il-Belt, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb nieda konkors ġdid tal-poeżija - il-Konkors tal-Poeżija Doreen Micallef - permezz ta' konferenza tal-aħbarijiet. Waqt dan l-avveniment ingħata tagħrif dwar min kienet il-poeta Doreen Micallef, kif ukoll il-kriterji għall-parteċipazzjoni f'dan il-konkors. Ir-rebbieħa tal-konkors se jitħabbru waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, li dis-sena se jaħbat bejn is-6 u l-10 ta' Novembru. Ġew mistiedna għal din i-konferenza, kontributuri f'wieħed mill-kotba dwar Doreen Micallef, poeti li jiftakru l-memorja tagħha, u saħansitra dawk li jixtiequ jipparteċipaw f'dan il-konkors jew tinteressahom il-Letteratura Maltija. Flimkien mal-mistiedna distinti, kien hemm ukoll il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Evarist Bartolo, u s-Segretarju Permanenti għall-Ministeru, Frank Fabri.

### LEJLA LETTERARJA MILL-ASSOĊJAZZJONI ESPRIMI

Nhar it-28 ta' Ġunju 2019 l-Assoċjazzjoni Esprimi tellgħet serata ta' qari ta' xogħlijiet letterarji bis-suġġett "IS-SAFAR". Il-lejla kienet miftuħa kemm għall-membri kif ukoll għall-ħbieb tal-letteratura. Is-sit magħżul kien iċ-Ċentru Parrokkjali tal-Knisja ta' Santa Marija (Knisja l-Qadima), f'Birkirkara.

### NOQORBU LEJN IR-RIŻULTAT FINALI TAL-PREMJU STREGA

Bħal kull sena bħalissa l-Italja letterarja tkun qed tipprepara għall-fażi finali tal-iktar premju letterarju prestiġjuż, il-Premju Strega. Lejn nofs Ġunju saret iċ-ċerimonja fejn ġew ippreżentati l-ħames rumanzi finalisti. Is-sit magħżul kien it-Tempju ta' Adrijanu f'Ruma fis-sede storika ta' Casa Bellonci li bħalissa għaddejja minn ristrutturazjoni. Fuq quddiem jinsab Antonio Scurati bir-rumanz *Il figlio del secolo* (Bompiani), xogħol ta' 800 paġna li jirrakkonta l-ewwel snin ta' Mussolini li matulhom kellu suċċess kbir fl-Italja. Dar-rumanz diġà biegħ mal-120 elf kopja. Fit-tieni post għalissa hemm *Il rumore del mondo* ta' Benedetta Cibrario (Mondadori, rumanz storiku marbut mar-Risorġiment Taljan, mela seklu 19); fit-tielet post ir-rumanz *Fedeltà* (Einaudi) ta' Marco Missiroli, segwit minn *La straniera* (La nave di Teseo) ta' Claudia Durastanti u *Addio fantasmi* (Einaudi Stile Libero) ta' Nadia Terranova. Iċ-ċinkwina finalista tal-Premju Strega hija magħmula minn żewġt irġiel u tliet nisa. Ir-rebbieħ ta' dan il-premju li ilu jingħata mill-1947 jitħabbar fl-4 ta' Lulju fin-Ninfeo tal-Villa Giulia f'Ruma.




**Il-ħames rumanzi finalisti għal-Premju Strega 2019**



**Email mingħand Vanessa Fenech, l-1 ta' Ġunju 2019**

L-għodwa t-tajba Sur Sammut,

Filwaqt li nirringrazzjak tal-opportunità li tajtni sabiex il-kitba tiegħi tiġi ppubblikata, nixtieq ngħidlek prosit għal din il-ħarġa b'kitbiet tassew interessanti. Prosit tassew!

Ninsab naħdem fuq silta ġdida u napprezza ħafna jekk jerġa' jkolli l-opportunità li nikkontribwixxi fir-rivista IL-PONT. Din l-opportunità qiegħda tressaqni iktar viċin il-letteratura. Grazzi ħafna.

Tislijiet,
Vanessa

**Email mingħand Trevor Żahra, l-1 ta' Ġunju 2019**

Grazzi Patrick.

Għalkemm għal issa għadni biss dortu ftit fuq fuq, anki minn din l-ewwel daqqa t'għajn jidher li, bħal dejjem, huwa interessantISSIMU.

Prosit,
Trevor

**Email mingħand Charles Casha, l-1 ta' Ġunju 2019**

Grazzi ħafna Patrick u prosit ta' din il-biċċa xogħol sabiħa.

Ħaqqek hux! Qed tagħmel biċċa xogħol veru tajba. Jien dejjem kont noħlom li jkollna rivista jew magażin letterarju bħal dan stampat imma mid-dehra impossibbli. Imma int imlejt dan il-vojt online u m'għandix dubju li qed iħalli effett u jingħoġob minn min għandu għal qalbu l-letteratura. Qed tagħti spazju importanti lill-awturi b'sagrifiċċju personali għax nista' nimmaġina l-ħin li trid tiddedika għal xogħol bħal dan. Grazzi u awguri Patrick. Tkun ħaġa xierqa kieku l-Kunsill tal-Ktieb jew l-Akkademja juru xi forma ta' apprezzament. Għala le.

**Email mingħand Joseph Borg, l-1 ta' Ġunju 2019**

Wasalli, Patrick.

Ħadt gost li semmejt id-depożitu ta' Il-PONT kif ukoll IL-FOLJU tal-Għaqda Poeti Maltin fl-arkivju tal-Akkademja. Napprezzaw ukoll bħal dejjem li tieħu ħsieb iġġib l-istqarrijiet li noħorġu minn żmien għal żmien.

IL-PONT ta' din id-darba mżewwaq ġmielu u qed jagħmel xogħlu: jgħaqqadna lkoll u jżomm il-polz fuq il-letteratura Maltija.

Se ngħaddih lil kulħadd, elettronikament.

Grazzi tal-ħidma u tislijiet,
Joe

**Email mingħand Mario Griscti, l-1 ta' Ġunju 2019**

Għaziz Patrick,

Niżżikhajr qatigħ ta' IL-PONT numru 51. Apprezzajt bis-sħiħ li ġibtli fih it-Tifkira fuq George Falzon u l-poeżija tiegħi. Kontenut impekkabbli u editorjal illustri.

Grazzi mill-qalb, ĦABIB TASSEW.

B'Imħabba:
Mario



## MILL-MELLIEĦA…. GĦAL BAULKHAM HILLS

***Fl-għeluq it-80 sena l-Editur ta' IL-PONT "qasam il-baħar" u ta titjira twila biex jitkellem ma' Victor V. Vella. Din hi t-tieni parti minn żewġ partijiet u għalhekk tkompli ma' dak li diġà deher f'Il-PONT ta' Ġunju 2019.***

**Temmen iktar f'letteratura li twassal messaġġ pożittiv bla ħafna kumplessitajiet żejda jew f'letteratura esperimentali u kumplessa li tinftiehem mill-ftit?**

Ħa ngħidlek Patrick, din mistoqsija li nixtieq nikteb ktieb fuq il-punti li qajjimt. L-ewwel punt hu kif tikklassifika letteratura. Fil-qosor biex niftehmu — ngħidlek li l-letteratura hi kitba li tagħmel sens, hi interessanti biex taqraha, bi stil individwali u wkoll li fiha xi tifsira 'l fuq mill-istorja jew poeżija jew dramm. X'aktarx tqanqlek bl-'istorja' tagħha stess u kif inhi miktuba... Jista jkun fiha messaġġ u aktarx, imma jekk il-kittieb ikun ħsiebu ħafna fil-messaġġ, il-kitba tigi prietka mhux bilfors reliġjuża imma għal xi 'iżmu' ieħor… Kitba bħal dik insejħulha kitba didattika jekk mhix propagandistika… li min jikteb ikollu skop dirett. Dan hu aspett ikkomplikat tal-kritika għax jekk jien se nikteb storja qasira u nikkritika lil xi aspett Malti, jien inkun qiegħed nikkritika biex nesplora, jew biex niftaħ għajnejn il-qarrej. Jista' jkun ukoll li l-istorja tkun biċċa letteratura eċċellenti u qiegħda tgħallem indirettament… Għax hawn min jgħid bħalma qal wieħed kritiku snin ilu li kull kitba hi mezz ta' tagħlim. Imma l-messaġġ x'aktarx ikun kompless u moħbi biex isibu jew ifittxu min irid. Pereżempju, il-ġuri, jiġifieri f'dan il-każ il-qarrejja tad-dramm ta' Shakespeare *King Lear*, ghadhom jiddiskutu x'inhu l-messaġġ ta' din il-*play*. Hemm professuri/kritiċi li jgħidu li d-dramm hu studju ta xjuħija, u oħrajn jgħidu li hu studju fuq il-ġenn tax-xjuħija fejn għandek re xiħ u nofsu miġnun imma għadu jridha u jistenna r-rispett għax baqagħlu l-poter. U għandek ukoll lil Tolstoy ir-Russu li kkundannaha għalkollox.

Fil-mistoqsija tajba tiegħek daħħalt ukoll il-kelma esperimentali. Esperimentali fiex? Fl-għażla tas-suġġett jew suġġetti, jew kif tittratta s-suġġett, jew kif tikteb fuq is-suġġett? Bħalissa qiegħed nerġa' naqra r-rumanz favorit tiegħi Ingliz ta' Virginia Woolf jismu *The Wave*. Hawn min isejjaħlu poeżija u meta nkiteb kien esperiment f'dak li ngħidulu l-*istream of conscience*, jiġifieri li tikteb dak li għaddej jew qiegħed jiġri mingħajr ma tagħti kas tal-veduta biex ngħid hekk. Interessanti imma mhux lakemm taqbad u taqrah u tifhmu għax trid il-pacenzja. Bħal meta tkun tħares lejn kwadru astratt bħal pereżempju xi kwadru astratt ta' Alfred Chircop, u trid tipprova tara tarax is-sabiħ li hemm moħbi wara s-sbuħija tal-kuluri u tal-kwadru. X'irrid ngħid? Irrid ngħid li biex tapprezza xi ħaġa letterarja, u kont se ngħid tifhimha, imma lanqas hemm għalfejn tifhimha… imma tolqtok... biex tagħmel dan trid il-ħin u l-pacenzja. Forsi wkoll tolqtok bis-semplicità tagħha bħal kif qalli wieħed fuq l-istorja li kont ktibt ilu, "Il-Festa tal-Ħuta", li fi storja semplici għalih ħloqt jew esplorajt aspetti tal-ħajja Maltija, pereżempju li indaħħlu l-politika f'kollox, li nużaw affarijiet tajbin biex nagħmlu *show* u jiġu bla sugu… L-indħil tal-politika bla skop, u wkoll l-idea ta' festa bla bżonn għax spiccat li mietet il-ħuta mostru… għax stennew li jiġi jaraha l-ministru u jagħmel *show*.

L-udjenza trid tifhimha wkoll. B'kumbinazzjoni jew mhix għadhom kemm stednuni u għamilt diskors fuq il-proċess tal-emigrazzjoni lil udjenza ta' 150 kollha Awstraljani professjonisti. U biex ngħidlek l-ikbar uġigħ ta' ras kien kif se nżommhom attenti bil-kontenut u wkoll ma ndejjaqhomx billi tfisser iżżejjed. U semmejt *joke* mill-*play* ta' *Hamlet* li mill-ewwel fehmuha mingħjar ma qgħadt nagħtihom ħafna dettalji. Jiġifieri l-udjenza trid tipprova tifhimha. Ir-Radju sabiħ u jogħġobni imma mbagħad trid toqgħod attent biex tipprova tħoss u tara min qiegħed jisma'. U tara kif tagħmel u tinżel għal-livel

ta' dak li jkun. Inti għandek biżżejjed esperjenza ta' tagħlim u ta' kif tgħallem: mhux kemm taf, imma kif se tpoġġih quddiem il-klassi jiġifieri l-udjenza. Tista' tikteb li trid u tpinġi u l-bqija, imma jekk trid li xi ħadd jifhem u japprezza trid tinżel għal-livell tiegħu. U hawn tidħol jew jidħol l-iskop: inti għalfejn tikteb… Tista' tikteb biex tgħallem, biex tgħaddi ż-żmien, biex twaqqa' għaċ-ċajt, biex tidher, u inti tikteb faċċata waħda u żżid tliet faċċati ta' kotba li tkun semmejt jew qrajt biex turi kemm qrajt fuq is-suġġett… Veru li kultant jista' jiġri li jekk ma tiftihemx ħafna jgħidu… Imma kemm hu bravu. Bħall-predikaturi ta' 60 sena ilu… u sejrin. Semmejt il-messaġġ pożittiv u dan għandna bżonnu għax sirna nafu ngergru u għandna fuq xiex ingergru u tinstema' bħal Ġeremija tal-Bibbja twissi u tmaqdar… Għalhekk li tara ftit dawl fid-dlam u tkun pożittiv narah importanti. Għalhekk fis-sensiela li kont ktibt u xandart u rrekordjajt fuq IS-SABIEĦ TAL-ĦAJJA… fejn f'mitt xandira pprovajt nara xi ħaġa sabiħa saħansitra fil-konfużjoni, u fil-gwaj u fin-nuqqas ta' qbil li niltaqgħu miegħu.

**X'inhuma l-ħsibijiet tiegħek dwar dawn il-ġeneri letterarji: ir-rakkont qasir, ir-rumanz, il-poeżija u d-dramm? Liema minn dawn jolqtuk l-iktar?**

Skont… biex niktibhom jew biex naqrahom? Bħalissa kont se ngħidlek li qiegħed nibża' li qiegħed nidra nikteb fil-qosor minħabba l-kitba għar-radju. Avolja fil-qosor… jeħodlok il-ħin. Biex tikteb kumment jew spjega fuq xi ħaġa kif nagħmel fis-sensiela pereżempju 'Minn wara l-Kwinti'… fil-qosor iva għax għandek il-kontrol tal-ħin, trid iżżommu qasir, trid tispjega fil-qosor, trid tagħmel xi ftit riċerka biex iddaħħal il-varjetà u wkoll tagħżel suġġetti li jolqtu jew taħseb li jolqtu lis-semmiegħa. U għalhekk iddispjaċini meta għamilt appell lill-Ghaqda tal-Kittieba ta' Malta biex idaħħlu premju għas-cd's barra dawk tal-Ktieb. Jidhirli li kont ktibt xi ħaġa u iktar dettalji fuq IL-PONT. U l-Premju tal-Ktieb jigi l-premju tal-Kitba Maltija. Dan ma japplikax għalija biss, anzi. Hemm ukoll l-affari tal-qari u li skont l-istatistiċi u l-kultura l-Maltin ma tantx jaqraw: iżjed iħobbu jisimgħu speċjalment bħalma qalli kemm il-wieħed hawn, 'Nieħu pjaċir nisimgħek waqt li nkun insuq. U ħa ngħidlek qabel tirrekordja trid tikteb jew tikkomponi u l-bqija… jigifieri hemm il-ħsieb ukoll.

Dwar il-mistoqsja tiegħek, jien inħobb l-iżjed il-poeżija u d-drama u kienu l-favoriti tiegħi meta kont ngħallem l-Ingliż għax fihom ħafna x'tiddiskuti mingħajr dawk il-ħafna deskrizzjonijiet tal-veduti li nsibu f'certi rumanzi. Biss, dawn tal-aħħar għandhom tagħhom ukoll, jiġifieri r-rumanzi, għax fihom is-sabiħ tagħhom tal-kitba ta' espressjoni kif tiżvolgi l-istorja jew il-plot, kif jiżviluppaw il-karattri, kif tinħoloq ix-xena jew is-setting tal-istorja. Il-poeżija sabieħa għax qasira u allura iżjed ħafifa biex tikkomponiha. Imma fiha ħafna ħsieb ukoll. Hekk jaħsbu l-ħafna. Biss, il-qosor fih l-inkwiet tiegħu ghax dak li għandek tgħid trid iċċekknu ħafna u fi ftit versi trid tgħid ħafna biex ngħid hekk. Tista' tikteb ftit kif jagħmlu ħafna moderni u tħalli lill-qarrej jimmaġina u jaħseb il-poeta xi jrid jgħid. U tista' wkoll tikteb fit-tul bħalma għamel Dun Karm u Dante u tagħti d-dettalji u tiddeskrivi bl-għeruq u x-xniexel.

**Nista' nistaqsik liema huma tliet kittieba Maltin u tliet kittieba barranin favuriti tiegħek? Għaliex dan?**

Meta tiġi biex tagħżel issibha diffiċli għax jien ngħid għalija nqisni bħal naħla: u ddur u xxomm u tagħżel. Biss dan hu fattur wieħed li jinkwetani fil-każ tiegħi minħabba l-emigrazzjoni li tinqata' ftit jew wisq mill-kitba Maltija u minn dak li jkun kurrenti fil-kitba. Ngħid għalija napprezza l-kitba tal-profs. Oliver Friggieri, speċjalment fir-rumanz tiegħu *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* li iva hu rumanz politiku bħal *Animal Farm* ta' Gorg Orwell. Imbagħad għandek l-erba' volumi ta' Herbert Ganado *Rajt Malta Tinbidel* fejn għandek taħlita ta' storja bħala *history* u wkoll tal-istorja ċivili jew soċjali b'dawk id-dettalji tad-djalogu ta' dak iż-żmien. U bħala kittieb tad-drama għandek lil Francis Ebejer li wara




**Xi CDs ta' Victor Vella**



Victor Vella ma' martu Victoria

kollox ma għandekx fejn titfixkel. Fil-fehma tiegħi jidhirli li hi fil-poeżija li donnha aħna lħaqna ċertu standard ta' kitba li mhux biss imxiet maż-żmien imma wkoll hi espressiva u tilħaq ċertu standard għoli. Min-naħa tar-romantiċiżmu hemm il-poeżiji ta' Dun Karm fejn jixbah ħafna l-imħabba lejn in-natura u s-sbuħija tal-espressjoni ta' Wordsworth.

Bħalissa qiegħed nerġa' naqra l-istejjer tar-Russu Gogol fuq tfulitu li wkoll jagħtik stampa tal-ħajja iebsa u diffiċli fir-Russja tas-seklu 19 fejn issib ukoll ħafna *insight* tal-personalità tal-karattri tal-istejjer. Meta kont l-università kont għamilt it-tezi fuq T.S. Eliot kemm għal dik li hi poeżija u wkoll għall-kritka li kiteb. U bħala rumanzi Inglizi naħseb li *To the Lighthouse* u *Waves* ta' Virginia Woolf li semmejt izjed 'il fuq.

**Kittieb tajjeb hu bniedem sensittiv u li jinteressa ruħu f'fergħat tal-arti oħrajn bħall-pittura, it-teatru, il-mużika u l-bqija. Xi tgħid dwar dan?**

Ħa ngħidlek, l-Awstralja tbiddlet bħad-dinja u bħal Malta u l-bqija. U fuq dawn li semmejt hawn fejn tiddeverti u tiggosta u titmieraħ. Il-ġimgħa l-oħra soqt għal tliet sigħat u mort Canberra biex nara wirja ta' xogħlijiet tal-pitturi msejħin Pre-Raphaelites li kienu grupp ta' pitturi Ingliżi b'dik is-sinfonija ta' kuluri u suġġetti li jsaħħruk. Ftit ilu mort rajt *play* famuża, *The Crucible*, f'*shed* antik naħseb għandu fuq mitt sena li kont tista' tara x-xita u s-sajjetti minn bejn il-ħitan mibnijin mill-fallakki tas-siġar. Dan mhux biex noqgħod niftaħar imma biex nurik li daż-żmien l-Awstralja għandek varjetà ta' pittura, mużika klassika u mhix… insomma varjetà ta' *entertainment* li biex tlaħħaq miegħu trid tiġri u ssuq u trid il-ħin. Xahar ieħor, fil-bidu ta' Ġunju, f'Canberra wkoll hemm *exhibition* tal-pittur famuż impressjonista Monet.

Jiena naħseb li l-aqwa ħaġa li hawn u li ħabbatt wiċċi magħha u rajtha taħdem hawn l-Awstralja hi l-kritika, kritika bis-sens u kritika kostruttiva mingħajr politika. Pereżempju, m'ilux dabbritha l-kuratura tal-Biennale ta' Sydney wirja internazzjonali tal-Arti għax kienet *show* bla sens… kiteb xi ħadd. U din il-kritika tasal wkoll sal-pubbliku għax jekk jaqraw jew jisimgħu li xi ħaġa, xi *show* hi għajjiena allura ma jmorrux jarawha. L-istess fil-kitba, jiena nemmen li l-kritika ssaffi ħafna; iva, kritika li tkun professjonali u bil-galbu, mhux kif tisma' l-krtika favorita Maltija … ħallejt it-tikka barra jew wara xi disksors tisma'... Kemm domt… mingħajr ma jkun fehem x'għidt jew x'ridt tfisser! Hi din il-kritika, speċjalment fil-kitba li toffri ċerta gwida wkoll għal min jikteb, jew ipitter. Iva, l-awtur, il-pittur, jew il-kompożitur, irid juri l-individuwaliżmu tiegħu, li hu jew hi għandhom xi ħaġa specjali, stil, storja, kuluri, li jistgħu jissaffew jew jirfinaw bil-kritika. Insomma, dan hu suġġett għal qalbi u nista' nibqa' sejjer u għalhekk kont għamilt sensiela ta' 12-il taħdita fuq ir-radju bit-titolu "Apprezzament u Kritika". U f'dawn l-aħħar ħamsin sena, is-suġġett tal-Ingliż fil-High Schools hu bbażat fuq kif tapprezza u tikkritika films, u reklami, u kotba u x'naf jien… li nispera li daħlet ukoll fl-iskejjel ta' Malta. Il-kritika serja hi l-qiegħa li tissepara l-qamħ mit-tiben u mil-kitba sabieħa u mill-propaganda, mill-pożi għas-serjetà u mis-sabiħ u l-ikreh ta' kollox.

Ħa nsemmilek każ konkret li gara lili. M'ilux talbuni u għamilt diskors fuq il-poeżiji ta' Ġorġ Chetcuti li tifhem li trid almenu 20 minuta biex tanalizza u tikkwota u l-bqija. Il-kummenti tal-aħħar saħansitra minn dawk li tistenna xi ħaġa aħjar kienu tas-soltu: Kemm domt... u dik mhix l-aħjar poeżija tiegħu u

Ġorġ ma kienx joqgħod f'numru 5. Kien joqgħod fin-numru 20 għax konna ġirien… u sejrin. U jien qgħadt nispjega fuq il-metafori, fuq il-varjetà tas-suġġetti fuq l-istili differenti li uża u l-bqija.

Bħala kuntrast, il-ġimgħa l-oħra kelli nagħmel diskors lill-Probus club, li hu club ta' nies professjonali u tkellimt fuq il-proċess tal-emigrazzjoni. U lanqas ittendejt jien u lanqas huma li domt 50 minuta. U meta skużajt ruħi qaluli, 'Aħjar għax smajna xi ħaġa ġdida… u dħakna ftit u analizzajt il-proċess tal-emigrazzjoni bis-sabiħ u l-ikreh tiegħu… Insomma kummenti li bħalma ngħidu kienu *apposite*, kienu f'posthom mhux għax ftaħir, imma li jagħmlu sens.

**Minn xiex tispira ruħek l-iktar? Veru li pajjiż kbir bħalma hi l-Awstralja jista' joffri iktar ispirazzjoni minn pajjiż ċkejken bħalma huwa Malta?**

Ma nafx naqbilx miegħek Patrick. Iva, il-kobor qiegħed hemm u joffrilek esperjenzi ġodda ta' vjaġġar intern u tiltaqa' ma' nies differenti, ta' argumenti u sistemi li iva jista' jkun li kultant iħawduk xi ftit, insomma jippreżentawlek ċalinġ ġdid. Imma fl-istess ħin jista' jkun li dawn iġegħluk taħseb f'dak li diġà għandek u tista' tarmih jew tbiddlu jew tgħożżu xi ftit jew ħafna. Tinsiex il-veduti u esperjenzi sbieħ u forsi wkoll goffi bħall-irdumijiet ta' Malta jogħġbuni, imma mbaghad dawn iridu jidħlu f'qalbek biex ngħid hekk biex imbagħad tużahom fil-kitba. Jista' jkun li eżempju jgħid iżjed: meta għamilt ġimgħa Beijing, il-belt kapitali taċ-Ċina, b'dak il-kobor u wisgħa li hemm bil-palazzi u l-Great Wall u l-bqija, bilkemm kelli aptit neħdilhom slide jew ritratt. Imbagħad tmur Atene jew Ruma b'kull kolonna jew rokna u funtana li jagħtik li tpittirhom. Forsi għax jien tifel tal-Ewropa!

Is-sabiħ tista' ssibu kullimkien u ma tafx fejn. Malta, kif kont ktibt darba, hemm is-sabiħ tal-passiġġati wkoll bħal dik ta' Wied Qorrot, jew fit-toroq ta' ċerti rħula jew max-xatt tal-Port il-Kbir. Jew il-mixja mill-Qala, Għawdex, sa Marsalforn. Biex ma nsemmix l-arkitettura barokka tal-knejjes u tal-pjazez. Qiegħed niftakar li darba meta konna f'nofs ta' Queensland ħdejn il-bahar, filgħodu konna morna passiġġata ma' xmara li kienet mimlija bl-ilma u dghajjes ta'kull xorta u daqs. U erġajna morna fil-ħamsa filgħaxija u ħadna xokk: l-ilma dieheb għax mar il-baħar u d-dgħajjes kienu żaqqhom kważi 'l fuq għax niżlet it-tide. U dik il-bidla ħasditni. Dik ix-xiħaġa li ma tkunx tistennieha u togħġbok u tolqtok. Jiena s-solitudni nħobbha, dik li toqgħod waħdek fil-kwiet, insomma f'xi post fid-dlam li tħossok li int waħdek fid-dinja. Le, mhux biex toqgħod tiftaħar kemm int kbir avolja ħadd ma jkun jarak. Imma dik li ssib ruħek taħt sema immens imdawwal b'miljuni ta' kwiekeb bħalma rajt meta konna għaddejna tlett ijiem u tlett iljieli nsuqu matul it-triq fil-bush Awstraljan jisimha n-Nullabor jiġifieri bla siġar. Fil-fatt hemm siġar kullimkien barra fit-triq u kollha daqs wieħed qishom għadhom ħerġin mingħand il-barbier. U waqafna billejl waħedna u d-dawl li rajna biddel il-lejl fin-nhar. L-immensità tas-sema ġegħlitna ngħidu mal-filosofu Emmanuel Kant: 'Zewġ ħwejjeġ jimlewni bil-biża': is-sema mimli kwiekeb u l-liġi morali li għandna ġo fina.'

**Kemm huma importanti l-qari u l-ivvjaġġar għal min irid jibni kultura u forsi jsir kittieb validu?**

Ħa ngħidlek, se naqleb naqra l-proverbju: ma tistax taħsad jekk ma tiżrax… X'imkien semmejt l-ispirazzjoni jew il-muża. Li, ngħid għalija, ilni ħafna nistenniha imma ma nafx fejn waslet. Le, m'iniex bħall-kompożitur Gorg Bizet, il-kompozitur tal-*Carmen* li ta' 9 snin kellhom ineħħu jew jiksru r-regoli tad-dħul u aċċettawh fil-Konservatorju Mużikali Franċiż. Għax raw fih ġenju. Allura b'daqshekk? Il-kitba, il-kompożizzjoni li ssajjar jew tagħmel mejda, kollox fih ix-xogħol u l-ħsieb u l-ħin u kultant ħafna dubji u għaraq ukoll. Speċjalment jekk trid tkun ġenwin u tikteb, biex nibqgħu fuq is-suġġett biex tgħid xi ħaġa jew biex timla l-paġni. Niggosta kultant meta nkun nagħmel xi intervista fuq ir-radju lil xi konslu jew xi vjaġġatur u jaħasra jgħidu fejn marru u wkoll ma' min iltaqgħu, naturalment ma' nies imsejħin kbar. U jekk ikollok tistaqsi: allura x'tgħallimt, jew kif għenek dan l-ivvjaġġar fil-ħajja, jew x'esperjenzi… ma jgħidu xejn. Aħna daż-żmien nagħmlu l-eloġi jew nistennewhom qabel il-mewt… l-esperjenzi tal-ħajja jistgħu jgħinuk imma trid tixtarr u taħseb fuqhom.

Mhux fejn tmur, mhux x'tara u x'taqra, imma kemm jgħinuk biex tkabbar l-esperjenzi fil-ħajja. U hi l-edukazzjoni li tgħinek tagħmel użu minn dawn l-esperjenzi u tgawdihom u jekk trid tużahom biex titkellem jew tużahom fil-kitba u x'naf jien.

**Il-kittieb hu dak li jibqa' żagħżugħ fi ħsiebu u f'qalbu, minkejja ż-żmien. Xi tgħid dwar dan?**

**Messaġġ tiegħek liż-żgħażagħ f'soċjetà li nbidlet ħafna minn mindu inti stess kont żagħżugħ?**

U se jagħtini li nkanta mal-poeta "O żmien ħelu kif għaddejtli." Iż-żmien taż-żgħożija. U ngħidlek waħda, Alla ħares tibqa' żagħżugħ, naf li qiegħed tirreferi għaż-żgħożija mentali. Il-ħajja hija vjaġġ u l-moviment, it-tibdil hu parti minnha għax dak hu li jwasslek għal ċerta maturità. Jagħtini li nikkwota lil Santu Wistin u ngħid: "Agħmilni qaddis imma mhux ghalissa." Anzi, it-'talba' moderna hi: "Agħmilni famuż… illum qabel għada." U ssir famuż għax iddoqq il-kitarra fuq it-tv u tagħmel il-*concerts* u ta' 30, 40 tixba' u tgħid, "Ara xi grali." U ddawwar kamartek bit-trophies u bil-medalji u biċ-ċertifikati, jekk ma tasalx li tagħmel xi ħaġa oħra, għax issib li ż-żmien għadda u ssib ruħek waħdek.

Il-ħajja hi interessanti u żżommok żagħżugħ sakemm tibqa' tiskopri. Iva, trid toqgħod attent minn fejn tgħaddi. Is-sogru hu parti mill-ħajja bħalma huma l-iżbalji. Issa ħa ngħidlek, ma tridx toħloq l-iżbalji biex titgħallem bħal ma tridx tiekol ħafna ġelati għax tħobb il-ġelat… għax inkella jibdielek. Imma l-ħajja mimlija sogru: meta tikteb u tippubblika, jew issiefer u tbiddel l-ambjent u l-ħajja sa ċertu punt, jew titkellem fuq ir-radju… jew meta tiżżewweġ avolja m'għadux moda. Dawn kollha fihom ir-riskju... tista' tirnexxi u tgawdi.… (mhux qiegħed nitkellem fuq il-flus)… imma tista' wkoll tweġġa' lil xi ħadd, jew insomma tiżgarra xi naqra. U hu dak ir-riskju jew żball li jgħinek tikber jew issir matur. Għax kif għedt f'ħafna kliem fis-sensiela 'Xi jżommna milli nikbru', hu l-biża' li l-iktar li jżommna li nagħmlu saħansitra dak li hu tajjeb. Bħalissa ma nafx min qalha jew kitibha: li aħna bħal vazetti taċ-ċaqquf imma li fihom ħafna xquq. U żied jgħid… imma mix-xquq jidħol id-dawl.

Hawn min jikkritikani għax inħobb nuża l-kelma 'nipprova' u nagħmel mill-aħjar… imma naħseb li dak hu motto tajjeb. Naturalment ma tridx taqbeż minn fuq is-sur tal-Imdina biex tara jew tipprova li tista' tibqa ħaj!

**IL-QASAB**

Madwar ħofra fil-wied
troffa qasab kienet tħaxwex
u titliegħeb maż-żiffa.
Kien ħawwilha n-nannu
biex ikollu bastun… xi darba,
jew qasba biex jagħmel għarix
u jistkenn fih jindokra l-bettieħ.
Jew jagħmel żewġ ftietaq għall-benniena
jew jgħolli id-dwieli ftit mill-art.
Kien jiġi Fellusu jaqta' qatgħa minnha
biex iferraq il-qasab u jagħmel quffina jew mezza
u Ġamri is-sajjied biex iraqqaq il-qasba
u jagħmel nassa għall-imrejjen.
Salvu kien jieħu qatta' kbira
għax kien jagħmel xi ħasira
tgħatti bieb ta' remissa.
Lit-tifel kien jagħmillu reddiena tal-qasab
waħda iddur kontra l-oħra
u in-nannu kien kuntent joqgħod għad-dell tagħha
u jagħmel bukkin għall-pipa
jiekol bukkun għad-dell tagħha
U jagħlef il-pespus u ż-żring li jduru għall-kenn tagħha.
Iħobb jisma' it-tleflif tagħha
fiż-żiffa mit-Tramuntana,
jaraha tiżfen u titbandal
u tfassal il-waltz ta' dellietha.

Ġie il-Grigal u qaċċatha
u ġiet in-nixfa u ħasditha.
Ġie in-nar li qabad fl-għolliq ta' madwarha…
U ħaraqha u qatilha.
In-nannu saqqiha
u bdiet tfelles
u twalet u kibret,
u kellu jqaċċatha
u jiżborha biex jibża' għall-ħofra
u jkabbar l-għaziz u ż-żrinġ
li ta' kull sena
kienu jitrawmu ġo fiha.

Qata' qalbu meta ġie il-bulldozer
u radam il-qasab u mela l-ħofra
u bena binja li tasal sas-sema.

**VICTOR V. VELLA**



***MICHAEL CINI** twieled il-Ħamrun fl-1964, imma trabba Ħal Balzan. Studja l-Għarbi biex jifhem aħjar l-għeruq Semitiċi tal-ilsien Malti. Huwa awtur ta' sitt rumanzi:* **Preżenza: Inti Temmen fil-Ħares?** *(2014);* **Ix-Xafra tad-Destin: L-Imdina 1565** *(2015);* **Skjava... Fil-Ktajjen tal-Imħabba** *(2016);* **Konvoj. Il-Ġrajja li Naf Jiena Biss!** *(2017);* **L-Ewwel Preżenza: L-imħabba tal-Ħares ma Tmut Qatt!** *(2018); u* **Eroj. Mħabba u Qlubija fis-Sette Giugno** *(2019). **IL-PONT** jintervista lil dan il-kittieb dwar ix-xogħlijiet tiegħu.*

***L-Ewwel Preżenza* hu rumanz reċenti tiegħek. Meta u minn fejn twieled? Huwa il-prequel tar-rumanz *Preżenza*. X'hemm x'jorbot dawn iż-żewġ xogħlijiet u x'hemm ġdid fil-pubblikazzjoni l-ġdida?**

Fis-sena 2010, fuq bosta ideat li konna ddiskutejna flimkien jien u ibni Nicolai, kont ktibt ir-rumanz *Preżenza* li ġie ppubblikat minn Horizons fl-2014, imbagħad fl-2017 bħala Best-seller. Ngħid il-verità kont ħallejt ftit bibien miftuħin għaliex tant kont ħadt pjaċir niktbu li xtaqt li xi darba nkomplih. Però, nistqarr li qatt ma kien għaddieli l-iċken ħajta ħsieb li tmien snin wara, kont se nikteb rumanz ieħor li jiġi qablu!

Hekk hu, għaliex *L-Ewwel Preżenza* huwa il-prequel ta' *Preżenza*. Kienet sfida mhux tas-soltu. Fil-fatt dawn iż-żewġ rumanzi jingħaqdu permezz tal-ġrajjiet u l-karattri li minn żmien l-invażjoni tal-Franċiżi f'Malta, iwasslu lill-qarrej saż-żmien tal-lum.

Il-protagonist prinċipali tar-rakkont huwa Gabriele – żagħżugħ li ġie Malta bħala suldat mal-flotta Franċiża ta' Napuljun u li ma jdumx wisq ma jixħet għajnejh fuq tfajla Maltija jisimha Rożina – tfajla umli, sempliċi u bint ir-raba'. Imma bi ġmiel li jsaħħrek. Iżda minħabba l-isfreġju u s-sagrileġġi li kienu qegħdin iwettqu l-Franċiżi, speċjalment fil-knejjes għeżież tal-Maltin, in-nies tar-raħal fejn kienet toqgħod Rożina ma kellhomx pjaċir b'Gabriele. Għalhekk meta ġiethom ix-xoqqa f'moxtha, baqgħu baqgħu sakemm tajrulu rasu, ħbew ġismu u ħelsu minnu. Jew aħjar, hekk kienu ħasbu! Għax minħabba li ħajtu kienet intemmet ħabta u sabta b'delitt, mingħajr ma kien għadu laħaq gawda lill-maħbuba sbejħa tiegħu... ruħu ma setgħetx tistrieħ fil-paċi! Tant li l-ispirtu tiegħu baqa' dejjem magħha biex, jipprovdilha, ifissidha, imma fuq kollox biex iħarisha!

Hawnhekk ta' min jgħid li hemm bosta fatturi li jorbtu dawn iż-żewġ rumanzi flimkien, fosthom id-diversi protagonisti kkuluriti li ltqajna magħhom fi *Preżenza* fl-2014, u li issa se nsegwuhom jitwieldu, jitrabbew bħala tfal u żgħażagħ, jinnamraw, jiżżewġu u jiffurmaw il-familja tal-bużnanna Salvina u anki tan-nanna Marija. Barra minn hekk, se nimxu wkoll pass pass mal-ġrajjiet li sawru l-misteru marbut maċ-ċkejken Grabiel, dak it-tfajjel ta' seba' snin b'xagħru dehbi u nnukklat qisu proprju Bambin tax-xema' li f'jum xitwi ta' kesħa u maltemp, kien għeb ħesrem mid-dar t'ommu. Tant li bil-għali tiegħu, ruħha baqgħet qatt ma setgħet issib il-mistrieħ ta' dejjem...

**Semmi tnejn jew tliet temi għal qalbek fin-narrattiva tiegħek.**

L-iskop prinċipali tiegħi meta bdejt nikteb ir-rumanzi kien proprju biex inħajjar aktar nies jaqraw bil-Malti. Għalhekk kull darba li niġi biex nikteb, dejjem nipprova nfittex temi differenti biex appuntu nolqot il-gosti ta' qarrejja ġodda sabiex inħajjarhom jaqbdu ktieb bil-Malti.

Kien għalhekk li ktibt dwar il-ħares. Imbagħad fit-tieni rumanz tiegħi *Ix-Xafra tad-Destin* ktibt dwar l-Assedju l-Kbir. It-tielet rumanz *Skjava fil-Ktajjen tal-Imħabba* jirrakkonta storja ta' mara li tinqabad fi żwieġ diffiċli, iżda li tibqa' ssofri l-abbużi fis-silenzju biex bintha ma tbatix il-konsegwenzi. Filwaqt li r-raba', *Konvoj*, huwa marbut mal-ġrajja tal-Konvoj ta' Santa Marija. Dawn huma kollha suġġetti differenti li jiena ċert li jinteressaw lil bosta qarrejja Maltin.

Madanakollu, nistqarr li l-aktar żewġ temi li nħobb nikteb dwarhom huma l-istorja ta' Malta u l-paranormal. Naturalment, ma jistax jonqos li kull rumanz infittex li nżewqu bi storja ta' mħabba għaliex nemmen li mingħajr l-imħabba, l-aqwa rumanz ukoll ma jkunx komplut! S'issa, il-paranormal żvolġejtu fit-tema tal-ħares fl-ewwel u l-ħames rumanz tiegħi. Mill-banda l-oħra l-aspett storiku żvolġejtu l-ewwel fir-rumanz *Ix-Xafra tad-Destin: L-Imdina 1565* li jħares lejn l-Assedju l-Kbir mil-lenti tal-Imdina – perspettiva differenti ferm minn dik li jagħtu rumanzi oħrajn li dejjem jiffokaw fuq l-inħawi tal-Port il-Kbir. It-tieni rumanz storiku li ktibt, *Konvoj: Il-Ġrajja li Naf Jiena Biss!* jirrakkonta l-istorja ta' tfajla Maltija li tirkeb bil-moħbi fuq it-tanker leġġendarju Ohio mal-maħbub tagħha bit-tama li jiġu Malta – jekk jirnexxilhom jaslu!

Hawnhekk ħadt l-opportunità biex flimkien mal-istorja ta' mħabba ta' bejn dawn iż-żewġ żgħażagħ, tajt rakkont vividu ta' x'seħħ tassew matul il-vjaġġ qalbieni tal-Konvoj ta' Santa Marija. Fil-fatt ftit jafu li dan il-konvoj telaq mill-Iskozja; li kien jikkonsisti f'erbatax-il vapur merkantili u li minkejja li kien hemm mas-sittin bastiment tal-gwerra qegħdin jipproteġuh, irnexxielhom jaslu Malta biss ħamsa. Dan minħabba l-attakki ħorox li ltaqgħu magħhom mill-ajruplani, mis-sottomarini u E-boats tal-għadu f'rotta miżgħuda bil-mini taħt wiċċ il-baħar. Mhux ta' b'xejn li l-Maltin baqgħu dejjem iqisu l-wasla ta' dawn il-ħames vapuri merkantili bħala miraklu mill-Madonna.

Imbagħad f'*L-Ewwel Preżenza* nqdejt bl-isfond storiku tal-invażjoni ta' Malta mill-Franċiżi.

**Min huma l-qarrejja tar-rumanzi tiegħek? X'tip ta' feedback ikollok mingħandhom?**

Il-qarrejja tiegħi huma nies ta' kull età, appuntu għaliex s'issa ppruvajt nolqot lil ħafna nies. *Preżenza* nista' ngħidlek li laqat lill-etajiet kważi kollha bis-sens ta' umoriżmu li fih, flimkien mas-suġġett tal-ħares li jattira l-kurżità ta' ħafna. U ninsab ċert li issa, anki *L-Ewwel Preżenza* se jerġa' jattira firxa wiesgħa ta' qarrejja.

*Ix-Xafra tad-Destin* u *Konvoj* x'aktarx li ma jappellawx għal tfal ta' inqas minn għaxar snin, għalkemm tfal li tinteressahom l-istorja ta' Malta x'aktarx li r-rakkont isegwuh ukoll. Mill-banda l-oħra,




minħabba t-tema soċjali marbuta mal-problemi li jiffaċċjaw koppji adulti, *Skjava fil-Ktajjen tal-Imħabba* jappella iżjed għall-adolexxenti u għal qarrejja maturi.

Mill-feedback li nirċievi fuq facebook, ngħidlek biss li dawn il-kummenti jkebbsuli ħafna kuraġġ biex nibda naħseb għal rumanz ġdid. Speċjalment meta l-qarrejja jgħiduli li jkunu qegħdin jistennew bil-ħerqa rumanz ieħor mingħandi. Dan lili jtini sodisfazzjon kbir u napprezzah immens!

**Kif ivarjaw *Preżenza* u *L-Ewwel Preżenza* minn rumanzi oħra tiegħek bħal *Ix-Xafra tad-Destin* u *Konvoj*?**

Nistħajlek qed tistennieni ngħidlek li d-differenza bejn dawn ir-rumanzi hija t-tema storika. Fil-fatt mhuwiex hekk. *Ix-Xafra tad-Destin* kont ktibtu f'għeluq l-450 sena mill-Assedju l-Kbir ta' Malta. *Konvoj* ktibtu f'għeluq il-75 anniversarju mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija. Filwaqt li issa, *L-Ewwel Preżenza* ktibtu biex infakkar il-220 sena mill-invażjoni tal-Franċiżi f'Malta. Dan għaliex l-ewwel terz tal-ġrajja tiżvolġi waqt l-iżbark, l-invażjoni proprja u minn xiex għaddiet Malta f'dawk il-ftit

ġimgħat minn Ġunju sa Settembru tal-1798 sakemm il-Maltin irvellaw u qamu kontra l-qawwiet Franċiżi. Aktar 'il quddiem, ir-rakkont jiżvolġi wkoll f'dak li għaddiet minnu Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija.

Kif inħobb nagħmel is-soltu fir-rumanzi storiċi erġajt tajt rakkont sħiħ, imżewwaq bi storja ta' mħabba, ta' x'kien qiegħed iseħħ f'dak il-perjodu meta l-Franċiżi marru kontra l-wegħdiet li kienu għamlu, u x'kienu qegħdin iħossu l-Maltin. Però, anki minn xiex kienu qegħdin jibżgħu s-suldati ta' Napuljun. Tant li l-protagonist prinċipali ta' *L-Ewwel Preżenza* ikun wieħed minn dawn is-suldati li ħabta u sabta... jinbidel fil-ħares tal-ġrajja tar-rumanz.

**Kif stqarrejt f'din l-intervista, l-Istorja, f'dan il-każ nazzjonali, hi suġġett għal qalbek ħafna. *EROJ – Imħabba u Qlubija fis-Sette Giugno* joħodna lura eżattament mitt sena meta għal darb'oħra l-Maltin esprimew in-nuqqas ta' kuntentizza li kienu qed jgħixu fiha taħt il-barrani. Inti wieħed minn dawk il-kittieba li għaraft l-importanza tal-Istorja għal poplu li jrid jimxi 'l quddiem. Kif joħroġ dan f'dan l-aħħar rumanz tiegħek u kemm għandhom importanza xogħlijiet bħal dawn illum meta donnha l-umanita' qed twarrab l-imgħoddi u tara biss sal-ponta ta' mneħirha?**

Bħar-rumanzi storiċi l-oħrajn li ktibt, jiena dejjem infittex li l-qarrej tar-rumanzi tiegħi jsir jaf aktar dwar l-istorja ta' Malta. Dan nagħmlu billi nsib bilanċ




bejn il-fatti storiċi u storja ta' mħabba fittizja biex b'hekk, il-qarrej jieħu pjaċir kemm bil-qari bil-Malti kif ukoll bil-mod mexxej ta' kif ikun qiegħed jirċievi l-informazzjoni storika mingħajr ma jtaqqal moħħu żżejjed. Fil-każ ta' *Eroj* ridt nuri kemm huwa importanti li aħna nagħrfu s-sitwazzjoni xejn sabiħa li kienu qegħdin jgħixu missirijietna fil-bidu tas-seklu l-ieħor, u x'wassalhom li jqumu biex jirvellaw kontra l-gvern Kolonjali. Biss iżjed u iżjed, xtaqt li min jaqra dan il-ktieb japprezza s-sagrifiċċju li għamlu ta' qabilna, li saħansitra spiċċaw biex ċarċru demmhom, sabiex aħna llum qegħdin ingawdu l-awtonomija politika li teżisti f'pajjiżna. Dan għaliex sfortunatament, ħafna nies ma jinteressahomx l-imgħoddi ta' niesna, li fl-opinjoni tiegħi huwa importanti immens biex aħna nagħrfu l-għeruq tagħna, minn fejn ġejna, u minn fejn tnisslet il-ħajja li qegħdin ngħixu aħna llum.

**Messaġġ qasir tiegħek lill-ġenerazzjoni żagħżugħa rigward il-qari, il-ktieb u l-letteratura.**

Il-messaġġ prinċipali tiegħi huwa bla dubju ta' xejn biex jibżgħu għal-lingwa tagħna. L-ilsien Malti huwa uniku u distint fost ilsna oħrajn minħabba l-mod ta' kif issawwar u dejjem kompla jiżviluppa minn ilsna oħrajn biex jaddatta ruħu u jaqdina tajjeb matul iż-żmien.

Inħeġġiġhom biex jitkellmuh sewwa u fejn għandna kliem bil-Malti ma jiddejqux jużaw lilu. Ma jinqdewx b'lingwi oħrajn biex jiktbu dak li jkollhom bżonn, għax il-kitba bil-Malti kapaċi taqdina daqs kwalunkwe lingwa oħra u tinftiehem aħjar minna lkoll. Nisħaq ukoll dwar l-importanza li ż-żgħażagħ jaqraw iżjed bil-Malti ħalli jitgħallmu jużawh tajjeb f'kull qasam li jkollhom bżonn. Ktieb huwa bir ta' tagħlim u mezz ta' rilassament.

Hawnhekk nixtieq nagħmel appell biex dawk li jitħajru jiktbu xogħol letterarju bil-Malti bħal novelli, poeżiji, rumanzi, eċċ, ma joqogħdux lura. Qegħdin nisimgħu b'ħafna kittieba ġodda u għalhekk, inħeġġiġhom biex dak li jiktbu ma jħalluhx fid-dlam tal-kexxun jew mitluf fil-labirint tal-kompjuter. Il-ħiliet u l-ideat tagħhom tajjeb li jesponuhom għaliex hawn ħafna talent li għadu moħbi. U l-letteratura Maltija għandha bżonnhom!




***RAYMOND C. GRECH** twieled Tas-Sliema fl-1953. Studja fil-Kulleġġ Stella Maris, Il-Gżira. Beda jikteb bil-Malti u bl-Ingliż minn età żgħira, kemm poeżija kif ukoll proża. Illum irtirat, għallem suġġetti speċifiċi fejn tidħol it-teknoloġija u l-informatika. Ipproduċa u ppreżenta programmi radjufoniċi li jittrattaw il-letteratura, fejn intervista għadd ġmielu ta' kittieba stabbiliti. Grech huwa midħla tal-eseġesi biblika li tnebbaħ il-kitbiet letterarji tiegħu. Huwa l-awtur tal-kotba poetiċi **Qasab Iċaqċaq**, u **'il barra mill-prIŻMI**, l-ewwel volum u t-tieni volum rispettivament.*

**Naf li ftit xhur ilu inti ħriġt l-ewwel edizzjoni ta' din l-istess ġabra ta' poeżiji. X'għandha ġdid din it-tieni edizzjoni?**

Fit-tieni edizzjoni ta' *'il barra mill-prIŻMI* daħħalt kwotazzjoni – sewwasew qabel id-Daħla tal-Prof. Oliver Friggieri – ta' Mamur Mustapha, li tiġbor fil-qosor, b'mod inkapsulat, il-messaġġ li qed inwassal bil-poeżiji tiegħi:

"We've rigged the entire system of living in harmony with nature against ourselves. We raise our children and inculcate various "isms" into them. They in turn perpetuate it by passing the same (if not more) onto their's. We raise slaves, not independent thinkers."

Żidt poeżija ġdida fl-aħħar paġna, bit-titlu ta' 'Riflessjoni'. Versi li jistaqsu lill-qarrejja: x'qed iħossu, x'qed jaħsbu u x'qed jistaqsu quddiem id-distopja li ħakmitna? Din il-poeżija hija akkumpanjata b'kumment ta' Tarċsiju Zarb, li jkompli jsaħħaħ il-fehma u l-għerf, li bniedem triqtu hija 'l barra mill-iżmi. Għamilt ukoll xi tibdiliet kożmetiċi kif ukoll irranġajt xi żbalji ortografiċi.

**Kull poeżija li nsibu f'din il-ġabra hija akkumpanjata wkoll minn silta qasira mill-Bibbja. Għaliex dan?**

Fil-ktieb ta' Mattew insibu vers tassew profond: Ġesù jagħti tweġiba diretta lill-ġarrab li beda jħajru sabiex idawwar il-ħaġar f'ħobż — għandu jitqies li Ġesù kien għadu kif sam għal erbgħin jum u erbgħin lejl, u kien meqjus vulnerabbli għal dan is-suġġeriment dijaboliku.

Imma wieġeb u qal: Hu miktub: Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla. (BIBBJA SAYDON, Matt. 4:4).

Ġesù għeleb it-tiġriba, u juri li l-ħajja naturali mhix biżżejjed — ukoll jekk il-bniedem ikun qed imut bil-ġuħ — iżda l-bżonn tal-ħajja spiritwali, li ssib is-sostenn mill-Kelma ta' Alla. Ġesù kkwota silta minn ktieb id-Dewteronomju 8:3. Kemm it-Testment il-Qadim, kif ukoll it-Testment il-Ġdid, jenfasizzaw għajxien b'KULL kelma li toħroġ minn fomm Alla.

Għaldaqstant f'dan id-dawl, inħoss li l-kitba tiegħi mhix sħiħa mingħajr il-versi tal-ħajja ta' dejjem.

**Is-saħħa tal-kelma miktuba u stampata. Xi tgħid dwar dan?**

Il-bniedem li ma jafx jaqra jinsab f'jasar, f'din il-kundizzjoni ma jistax jimraħ u jtejjeb il-qagħda tiegħu. Ir-rieda li jimxi 'l quddiem tinsab imxekkla, ikollu joqgħod għal dak li jgħidulu jew jaqrawlu. Il-bniedem f'dawn iċ-ċirkostanzi jista' jisfa vittma ta' ħasil l-imħuħ. Is-saħħa tal-kelma miktuba u mitbugħa hija għajn li tkattar id-dehen u l-għerf ta' min jaf jixtarrha. Norbot dil-mistoqsija ma' ta' qabilha fejn fid-dawl tal-Kelma, il-qarrej jista' jgħarbel u jissaħħaħ mill-qari.

**Kemm tinqara l-poeżija llum lil hinn mis-sillabi tal-eżamijiet obbligatorji?**

Jiddependi fuq il-poeżija. Il-versi għandhom ikunu strutturati bi kliem mirqum u minsuġ. Il-forma poetika taf twassal il-ħsieb imnebbaħ u fl-istess ħin għandha s-setgħa li tmiss il-qalb tal-qarrej. Il-kreattività taf toħloq ħsejjes u ritmi li jiġbdu l-attenzjoni. Poeżija tqila b'metafori li jifhem biss min jiktibha taqta' l-qalb; biss il-poeta m'għandux joqgħod lura milli juża kliem arkajku fix-xogħol artistiku tiegħu, sakemm jagħti t-tifsir tiegħu. Sfortunatament is-semitiku fl-ilsien Malti mhux dejjem jintuża, b'konsegwenza li l-messaġġ joħroġ dgħajjef. L-esperjenza tiegħi fuq dawn l-osservazzjonijiet hija li l-poeżija tinqara b'interess kbir, b'mod aktar konsistenti minn dawk li jafu 'l-poeta, kemm mill-qrib u kemm mill-bogħod. Nosserva wkoll li hawn għatx kbir, minn bosta qarrejja, għal kliem Malti li ngħata l-ġenb matul is-snin.

**Il-versi f''*il barra mill-prIŻMI* huma għadd ta' riflessjonijiet f'għamla ta' poeżiji individwali dwar aspetti differenti tal-ħajja tal-bniedem. Dan jagħmel lill-poeżija tiegħek ħajja, marbuta mal-waqt preżenti, issa u hawnhekk. Kif tirreaġixxi għal dan?**

*'il barra mill-prIŻMI* huwa t-tieni volum poetiku minn triloġija. Din il-ġabra, fis-sħuħija tagħha, għandha messaġġ ta' ħruġ mill-iżmi u x-xiżmi, u minn dak li jjassar lill-bniedem. L-ewwel volum, *Qasab Iċaqċaq*, kien ikkonċentrat fuq is-seħja, filwaqt li t-tielet volum, nittama li noħorġu din is-sena, jittratta dwar id-dħul; lil hinn minn dak kollu li hu naturali. Dawn huwa t-tiġrib personali tiegħi, il-vjaġġ imħabbat li għadni għaddej minnu, djarju awtobiografiku li konvint issib xebh ma' dak kollu li jgħaddi minnu l-bniedem.

**Il-kiteb tal-poeżiji bħala rigal lill-persuni li tirrispetta u tixtiqilhom it-tajjeb. Kemm hu minnu dan?**

Tassew, lill-qarrejja kollha. Għotja lil kulmin lest jaqra, u fl-istess ħin kontribut lejn il-letteratura Maltija.

**Kif inbidlet jew żviluppat ir-relazzjoni tiegħek mal-poeżija u l-kitba tal-poeżija matul ħajtek?**



Raymond Grech

Il-poeżija — bħall-inbid — titjieb biż-żmien: titwieled, titrawwem, tikber u tistagħna, f'mixja id f'id mal-maturità li jesperjenza l-kittieb. Il-poeta u l-poeżija tiegħu ma jistgħux jinqabdu f'ċirku li ma jwassal għal imkien, ma jistgħux iterrqu l-istess triq li sabu ruħhom fiha. Il-ħsieb irrid jimraħ u fl-istess ħin jeżamina l-istatus quo. Il-qari jiftaħ orizzonti ġodda, ħafna minnu sfida ta' emanċipazzjoni: ħelsien minn restrizzjonijiet soċjali, politiċi u reliġjużi, entitajiet li jistgħu jxekklu l-ħajja tar-ruħ — tal-qalb, tal-kuxjenza — fejn jinstab il-qofol tal-valuri. Għall-mistoqsija oriġinali, l-affinità tiegħi ma' kitbieti ssib l-armonija meta npoġġi, l-ewwel u qabel kollox f'ħajti, lil min tani l-ħajja … waħdi ma nasalx.

Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn. (IL-BIBBJA, Ġw 15:5).




**_FIS-SATRA TAL-VELU_, ta' Helen Borg. Horizons, 2019. 287p.**

**Kumment ta' Lillian Sciberras**

Fid-daħla tagħha Helen Borg tiddeskrivi l-ktieb hekk:

Matul is-snin li għaddew minn fuqi, ltqajt ma' bosta nies li ħassew li setgħu jirrakkuntawli stejjer li xi kultant lanqas jitwemmnu. Il-qalb tal-kittieba tingħafas bil-ħsieb li dawn il-ġrajjiet se jintilfu mal-ħajja li tiżvinta maż-żmien.

Azzardajt niġbor dawn l-istejjer u nsiġthom fi storja waħda li għandha aspetti fittizji mmaljati mal-verità. L-ismijiet u ċ-ċirkostanzi huma kollha frott l-immaġinazzjoni tiegħi imma l-karattri huma msawra fuq nies li b'xi mod jew ieħor imxew ftit passi miegħi.

X'jirrakkonta l-ktieb? F'sentenza waħda: Ħajjiet ta' diversi nisa li xi darba libsu l-velu ta' sorijiet, u x'għadda minnhom kemm qabel l-għażla tagħhom, u kemm warajha.

L-ambjenti li jiddeskrivi r-rumanz huma: il-Kunvent tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet ta' Marija Madalena; is-Sorijiet li jgħixu fih, ormaj xjuħ, b'ħajjithom warajhom jgħixu l-aħħar snin t'għomorhom; djar u rħula ta' dari u tfal u ċ-ċirkostanzi familjari tagħhom. Ħafna minnhom nerġgħu niltaqgħu magħhom libsin il-velu. Hemm ukoll l-indukrar, il-kura, u l-attenzjoni kostanti mogħtija miż-żewg infermiera Elisa u Manuela. Elisa hija n-narratriċi prinċipali tar-rakkonti li jiffurmaw dan ir-rumanz.

Min huma il-karattri li niltaqgħu magħhom? Stella, Irene, Rose, Mary, Sor Kristina, Sor Dorotea, Sor Teodora, Sor Innoċenza, Sor Isabella, Sor Pierina, u sorijiet oħrajn. Sor Anjeże tibda r-rakkont tal-ktieb u tispiċċah hi wkoll. Hija speċi ta' ankra li torbot magħha ħafna mill-istejjer l-oħra. Ċerti karattri niltaqgħu magħhom bl-isem sekulari tagħhom, biex iktar tard fir-rakkont nibdew nagħrfu l-istess bniedma bl-isem ta' soru.

Helen Borg fasslet *Fis-Satra tal-Velu* f'37 taqsima (fejn kull taqsima tieħu l-isem ta' waħda mill-protagonisti) u fejn kull storja rrakkontata f'dik it-taqsima tista' titqies bħala eżempju ta' flash fiction (fejn storja tipikament qasira tista' kważi kważi titqies indipendenti u li tista' tieqaf fuq saqajha). Madankollu kull waħda minn dawn is-37 storja hija – għal min jaqra – stage wara l-ieħor li jwassluk għall-istage li jmiss, u finalment għad-destinazzjoni aħħarija. B'hekk ir-rumanz jinbena, tista' tgħid, bil-metodu ta' kif jinbena mużajk.

Ir-rakkont fih ħjiel ta' waqtiet fejn seħħu stejjer ta' mħabba kif ukoll ta' moħqrija, stmerrija, tgħajjir u ġlied bejn is-sorijiet, u bejn familji, imma ukoll ta' maħfra li tfakkarna fl-umanità dejjiema fi bnedmin li huma finalment bħalna lkoll – tad-demm u l-laħam. Għalekk il-kitba ta' Helen hija wkoll kummentarju li ma jiġġudikax dwar in-natura umana – bid-dgħjufija, in-nuqqasijiet, u s-saħħa kollha tagħha.

Helen Borg tikteb b'kompassjoni u b'imħabba kbira għall-karattri tagħha fejn it-tgħannieq, l-għafsa t'id, u dik il-kikkra te fil-waqt meħtieġ huma speci ta' leitmotif tul il-ktieb kollu. Tikteb b'sempliċità mexxejja u b'awtorità li bla dubju hi xhieda tal-esperjenza personali tal-awtriċi fuq l-ambjenti u l-proċeduri tal-indukrar, kif ukoll tas-suriet u l-imġiba ta' dawn il-pazjenti mgħobbija biż-żmien. Kultant ċerti dettalji grafiċi joħduk għal għarrieda u jħalluk



Helen Borg

sorpriża biċ-ċarezza tagħhom. Il-ħila ewlenija tal-kitba ta' Helen tinsab fil-kapaċità li biha tibni l-karattri tagħha u tal-ambjenti li jgħixu fihom.

*Fis-Satra tal-Velu*, ngħid għalija ma nkunx qed niżbalja jekk insejjaħlu rumanz psikologiku fejn il-ħajja ġewwinija tal-karattri tispikka. Fih ukoll aspetti parapsikoloġiċi li jitfaċċaw mill-inqas erba' darbiet fir-rakkont. Apparti minn hekk, Elisa (l-infermiera tas-sorijiet li hi wkoll in-narratriċi) niskopru li għandha wkoll relazzjoni affaxxinanti ta' ħbiberija ma' ħadd ħlief il-karattru tal-Mewt li – kuntrarju għal kif normalment narawha rappreżentata – għal Elisa huwa karattru maskili li kienet iltaqgħet miegħu iktar minn darba f'ħajjitha, u li ssellimlu bil-kliem, "Sa ma nerġgħu niltaqgħu."

*Fis-Satra tal-Velu* titilqu minn idejk biex tagħmel il-qadjiet li jkollok bżonn matul il-jum, imma jibqa' jdur ġo moħħok sakemm tmur lura biex tiskopri fejn sa jwasslek fl-istage li jmiss.

## ROBINSON CRUSOE EŻISTA TASSEW

**Kitba ta' Mary Chetcuti**

Daisuke Takahashi beda l-vjaġġ tiegħu mill-Ġappun b'kopja tar-rumanz favorit tiegħu *Robinson Crusoe* fil-basket u l-ħolma ta' ħajtu li jimxi fuq il-passi tan-nawfragu leġġendarju sakemm isib il-verità wara l-istorja tiegħu.

Takahashi rnexxielu jġib fondi għal spedizzjoni mingħand in-National Geographic Society bil-patt li jidħol fi sħab ma' persuna akkademika. Għaldaqstant, l-ewwel waqfa tiegħu kienet fil-belt Skoċċiża ta' Edinburgu fejn iltaqa' mal-arkeologu David Caldwell li għall-ewwel għolla ftit ħuġbejh hu u jisma' lil Takahashi iżda ftit ftit beda dieħel fl-interess sakemm inħakem mill-entużjażmu tal-Ġappuniż.

Fl-2007, vjaġġ twil wassalhom fuq l-arċipelagu vulkaniku ta' Juan Fernandez, madwar 670 kilometru 'l barra miċ-Ċili, fin-naħa t'isfel tal-Oċeanu Paċifiku; l-akbar gżira jisimha Robinson Crusoe u t-tnejn l-oħra jisimhom Alexander Selkirk u Santa Klara.

Takahashi u Caldwell flimkien ma' tim ta' skavaturi sabu fdalijiet ta' binja fuq l-aktar parti għolja tal-Gżira Selkirk (qabel kienet Aguas Buenas). Komplew iħaffru u fost affarijiet oħrajn sabu fdal ta' strument tal-baħħara magħmul mir-ramm. Eżami metallurġiku żvela li r-ram aktarx ġej mill-Kornovalja, l-Ingilterra; din l-evidenza arkeoloġika kienet l-iktar prova qawwija li r-rumanz *Robinson Crusoe* kien ispirat minn storja vera ta' baħri Skoċċiż.

Wara tilwima ma' missieru, Alexander Selkirk telaq mid-dar u salpa fuq l-ewwel xini li lemaħ fil-port ta' Edinburgu; wara kollox il-baħar kien il-passjoni tiegħu. Kien l-1695 meta daż-żagħżugħ ta' 19–il sena beda ħajja avventuruża li qajla titwemmen.

Selkirk ħadem bħala baħri fuq xwieni tas-sibi għall-Kuruna Brittanika li kienu jagħmlu ħerba mix-xwieni tal-għedewwa Spanjoli fil-Mediterran u fl-oċeani. F'temp ta' ftit snin wera ħila kbira u tela' fir-rank ta' navigatur fuq is-Cinque Ports, xini ta' disgħin tunnelata armat b'sittax –il kanun.

Wara ħafna battalji f'baħar miftuħ is-Cinque Ports inqalgħulu għadd ta' ħsarat li bilfors riedu jissewwew biex jibqa' jbaħħar. Alexander Selkirk ta

parir lill-kaptan biex isibu bajja mwarrba sakemm isewwuh. Il-kaptan ma riedx jaf u nqalgħet ġlieda kbira bejniethom fejn Selkirk, bit-temperament tempestuż tiegħu, insista li jitniżżel fuq l-ewwel art li jilmħu għax ma kellu l-ebda ħajra jegħreq ma' xini mherri bis-susa. Il-kaptan m'oġġezzjonax u wara ftit ġranet, f'Settembru 1704, Alexander Selkirk tniżżel fuq gżira diżabitata fl-Oċean Paċifiku; miegħu kellu ftit ħwejjeġ u kutri, xkubetta u porvli, xi għodod, strument tal-baħħara u Bibbja.

Għall-bidu baqa' max-xatt bit-tama li jilmaħ xini ieħor, imma meta s-sigħat inbidlu fi ġranet beda' jintebaħ li probabbilment kien se jqatta' żmien twil iżolat. Selkirk ma kienx bniedem li jaqta' qalbu. Tela' fuq l-ogħla parti tal-gżira mnejn seta' jgħarrex aħjar ix-xefaq tal-oċean u bena għarix kenni għalih.

Il-gżira kienet ideali f'kollox. Klima la kiesħa u lanqas sħuna ħafna, nixxigħat ta' ilma ħelu u ħaxix stramb imma jittiekel kienu biżżejjed sabiex bniedem waħdu ma jmutx bil-għatx u bil-ġuħ. Il-baħar tagħha miżgħud bil-ħut u awwisti filwaqt li annimali perikolużi u insetti velenużi ma jeżistux ħlief għall-firien li xi darba ħarbu minn fuq xwieni ankrati fil-bajjiet tagħha. Selkirk sab ukoll merħliet ta' mogħoż u għadd ta' qtates li kienu tħallew l-art minn baħħara Spanjoli u komplew ikattru fuq il-gżira.

L-ewwel darba li lemaħ xini niżel jiġri fuq il-bajja biex jarawh imma ħarab jiġri u baqa' mistoħbi meta nduna li kien xini Spanjol. It-tieni darba li niżlu baħrin Spanjoli biex iġorru ħażniet tal-ilma, Selkirk qagħad mistoħbi bla ma jitniffes sakemm qadfu lura sax-xini tagħhom u għebu.

Fil-jum tal-1 ta' Frar 1709, ix-xini tas-sibi għall-Kuruna Brittanika Duke xeħet l-ankra fil-bajja tal-gżira ta' Selkirk u bagħat dgħajsa baħrin fuq l-art; tista' taħseb kif baqgħu skantati meta niżel jifraħ bihom raġel b'xagħar u baffi twal u mħabblin liebes il-ġild ta' mogħża.

Il-kaptan tad-Duke, William Dampier, ordna li Alexander Selkirk jittella' fuq ix-xini. Kull Brittaniku li jaħdem fuq il-baħar kien sema' bil-bravura tiegħu li jitħalla fuq gżira waħdu imma kulħadd ħasbu li miet. Dampier infurmah li s-Cinque Ponts kien fil-fatt għereq ftit żmien wara viċin il-Perù u salvaw tmien baħrin biss.



**Stratwa ta' Alexander Selkirk f'Fife, l-Iskozja**

Selkirk kien kuntent li ħelisha mill-mewt anki jekk qatta' erba' snin u ħames xhur f'iżolament totali. L-ekwipaġġ tad-Duke ibbumbardjawh bil-mistoqsijiet, skantaw bir-rakkonti tiegħu u daħqu mhux ftit meta qalilhom li rnexxielu jegħleb is-solitudni billi kien itellaq mal-mogħoż, jaqra mill-Bibbja b'leħen għoli daqs li kieku qed jippriedka u jkanta s-salmi. Stqarr magħhom li qatt ma għex ħajja devota daqs meta kien fuq il-gżira.

Selkirk kompla jbaħħar mal-kursara u rritorna lura lejn l-Iskozja fl-1712; kien għamel kemxa flus ġmielhom u ta ferħa kbira lill-qraba tiegħu li kienu ilhom li għaddewh b'mejjet. Sena wara kiteb il-memorji tiegħu li b' xorti ħażina ntilfu mal-milja taż-żmien.

Madankollu, Selkirk kellu ħabta jiġbor madwaru udjenza mdaqqsa kull darba li kien jaqbad jirrakkonta l-avventuri tiegħu f'xi taverna ta' Edinburgu. Probabbilment, darba minnhom l-awtur Daniel Defoe inzerta fit-taverna jisma' lil Selkirk u minn hemm nibdet l-idea ta' *Robinson Crusoe*, li ġie ppubblika fl-1719 biex sar l-eqdem rumanz miktub bl-ilsien Ingliż u kapolavur tal-letteratura.

Għalkemm Alexander Selkirk kellu flus biżżejjed biex jgħix ħajja rtirata u komda, wara ftit taż-żmien demmu reġa' beda jbaqbaq għall-avventuri fuq il-baħar. Fl-1720, ingaġġa mal-Qawwa Navali Rjali u ftit xhur wara miet minn deni qawwi viċin kosta Afrikana. L-avventurier Skoċċiż indifen fil-baħar li tant ħabb.




## IT-TRILOĠIJA *HEKK TĦABBAT IL-QALB MALTIJA*, KKM 2011

**Riflessjonijiet tal-awtur, Oliver Friggieri**

Matul is-snin tgħallimt li l-ħajja akkademika u l-ħajja letterarja, waqt li huma mbiegħda bil-bosta minn xulxin, xorta waħda għandhom rabta naturali bejniethom. Huma kompetenzi differenti imma jistgħu jiżżewġu. Ir-riċerka kritika wasslitni għal għadd ta' konklużjonijiet li huma ta' xeħta politika, soċjali, reliġjuża. Minn dawn il-konklużjonijiet, ippreżentati l-aktar fil-volumi *La cultura italiana a Malta – Dun Karm* (Firenze, 1978) u *Storia della letteratura maltese* (Milazzo, 1986), u f'diversi kitbiet oħra bl-Ingliż u bit-Taljan, kont f'qagħda li nislet xejriet li fil-fehma tiegħi jissarrfu f'definizzjoni tal-karattru Malti.

Mill-pajsaġġ sal-persuni, mit-tradizzjonijiet reliġjużi u familjari sal-burdati temperamentali, hemm nisġa sħiħa li għalija hi l-mediterranjetà tal-poplu Malti. Fl-isfond ta' kollox hemm ir-realtaà suprema: Malta hi s-sud tas-Sud Ewropew. Waqt li fix-xogħol xjentifiku, matul bosta snin, ippruvajt nistħarreġ u nillustra dan kollu (fil-limiti tar-relazzjoni kawża-effett bejn il-kultura Taljana u l-letteratura Maltija), fil-qasam tan-narrattiva stajt maż-żmien nibni rumanzi u novelli li huma espressjonijiet ta' ħajja mediterranja, tipika tas-Sud u ta' gżira, u ta' qagħda ċentrali fi ħdan reġjun, bejn żewġ kontinenti, u l-bqija. Fl-isfond tar-riċerka kritika tiegħi stajt niżvolġi rakkonti li huma l-kwadri tal-ħsieb, il-konkretizzazzjoni ta' kulma jidher akkademikament astratt.

Dan suppost jidher diġa' fir-rumanzi bikrija *Il-Gidba* (1978) u *L-Istramb* (1980), u mbagħad *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (1986), imma r-rumanzi li jseddqu dan kollu aktar u aħjar huma *Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ* (1998), *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* (2000), *La Jibbnazza Niġi Lura* (2006) u *Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port* (2010), miktubin tul madwar tnax-il sena.

Din l-interpretazzjoni ta' Malta setgħet tingħata aħjar sura narrattiva bis-saħħa ta' tliet rumanzi marbutin flimkien, triloġija. Bejniethom *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri*, *La Jibbnazza Niġi Lura* u *Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port* jifformaw storja twila u sħiħa waħda, li wara żmien ta' indeċiżjoni tedjanti, wasalt biex semmejtha *Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija* (2011). Il-volum ipinġi fid-dettal il-ħajja f'Malta fl-ewwel għexieren ta' snin tas-seklu għoxrin. L-istorja hija ambjentata f'raħal imbiegħed kif ukoll fl-inħawi tal-Port il-Kbir, ċentru ta' ħajja lejl u nhar. Il-ktieb jinkludi t-tliet rumanzi li fuqhom hi mibnija t-teleserje *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* li dehret fuq NET TV. Sadanittant kont ili li bdejt naħdem fuq il-ktieb tat-tifkiriet *Fjuri li ma Jinxfux* (2008), li matulu waqaft biex ktibt ir-rumanzi. Il-punt tar-rabta bejn iż-żewġ ġeneri kien sewwasew il-memorja, il-fatt li *It-Tfal jiġu bil-Vapuri* ħadni lura lejn il-Port il-Kbir fejn trabbejt u lejn żmien differenti ħafna mill-preżent.

Malta, kolonja Ingliża, bażi militari, il-ħajja fl-inħawi ta' Balzunetta, id-drawwiet familjari u soċjali ta' komunità reliġjuża ħafna: dawn u aspetti oħrajn kienu xi mkien fil-memorja, jistennew li jitilgħu fil-wiċċ. Madankollu, dan ma hu xejn ħlief il-materja prima, rozza, l-elementari. Rumanz hu wisq aktar minn hekk.

It-triloġija tfittex li tippreżenta l-ħajja f'Malta bħala kolonja mlewna u ħajja, bejn Taljana u bejn Ingliża, daqskemm Maltija, u tpinġi l-konflitti fi ħdan il-familja, il-villaġġ u l-Port fejn il-kuntatt mad-dinja barranija kien importanti ħafna anki għall-impjiegi.



F'dan il-kuntest isseħħ l-istorja ta' Susanna, waqt li tinvolvi diversi persuni. Ir-rumanzi jippreżentaw il-ħajja Maltija fi żmien imqalleb, fl-inħawi tal-Belt, il-Furjana u l-Port, u fejn il-preżenza Ingliża kienet tinħass l-aktar. Mill-bqija, waqt li dawn l-inħawi ma jissemmew imkien fil-kotba, fittixt li nikteb b'mod li kull karattru u kull ambjent u kull aspett tar-rakkont jistgħu jkunu kullimkien u dejjem. Rumanz għandu jitlaq mill-partikolari biex forsi jmiss l-universalità, inkella jibqa' rakkont sempliċi bħal storja f'ġurnal.

It-tliet rumanzi, *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri*, *La Jibbnazza Niġi Lura*, u *Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port*, li issa ġew miġburin fi ktieb wieħed, jistgħu jinqraw kull wieħed għalih waħdu. Kull rumanz hu sħiħ waħdu, ħieles mit-tnejn l-oħra, imma miktub b'mod li jikkostitwixxi parti minn triloġija.

L-istorja sseħħ fi ħdan familja li tgħaddi mit-twelid ta' tarbija barra miż-żwieġ. Konflitti soċjali u reliġjużi jwasslu għal ħafna ġrajjiet, li l-vittma ewlenija tagħhom hi Dun Grejbel, qassis twajjeb li ma hux mifhum mill-poplu daqskemm mill-awtoritajiet tal-Knisja. Hemm konflitt bejnu u l-Isqof tiegħu. Huwa jħallas prezz għoli ħafna għal dan. Susanna, l-omm żagħżugħa mhux-miżżewġa, tgħaddi minn tbatija kbira, iżda ommha, in-nanna, hija l-kap morali tal-familja estiża, u fl-aħħar jirnexxilha tpoġġi kollox f'postu.

Waqt li *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* u *La Jibbnazza Niġi Lura* jittrattaw l-aktar lill-ġenerazzjoni l-antika, *Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port* jirrakkonta l-iżjed il-mod kif Wistin, iben Susanna, li issa hu żagħżugħ, qiegħed ifittex l-għeruq tiegħu, u jixtieq jifforma xbieha ta' missieru, Stiefnu, imbiegħed minnu għaliex jaħdem fil-Port il-Kbir bħala 'bambott' (referenza għal dgħajsa li kien ikun fiha l-bżonnijiet tan-nies ta' fuq il-vapuri). Huwa jixtieq jiskopri wkoll lil ommu Susanna, fidila għal kollox lejn ommha Katarina, il-qofol tat-tradizzjoni u tal-kontinwità. Ir-rumanz jittratta ħafna l-konflitt bejn it-tradizzjoni u l-moderniżmu f'Malta.

Ippruvajt inpinġi l-passat bl-iskop li nifhem aħjar x'qiegħed jiġri llum lill-familja. Permezz tal-passat jista' jiftiehem kulma hu etern, u ma għandux żmien. Ir-rumanz hu dwar il-familja llum, u l-aktar dwar l-omm u n-nanna. Ir-rumanzi tiegħi ikkovinċewni li l-aħjar mod kif tifhem il-preżent huwa billi tistħarreġ il-misteri tal-passat. Ħafna nostalġija tidħol f'dan kollu, imma hi kollha nostalġija dwar il-preżent u l-futur. Din it-triloġija tipprova twassal il-messaġġ liż-żgħażagħ li qegħdin ifittxu l-istabilità fl-imħabba u fir-relazzjonijiet personali. Iż-żgħażagħ jistgħu jindunaw li l-isfidi preżenti tagħhom huma aktar kumplessi minn dawk ta' żmien ilu, u li l-imħabba hi l-akbar valur. Għandha prezz għoli ħafna!

## L-AĦĦAR TALBA TAT-TORU

Agħtini, matador, id-daqqa tiegħek.
Bix-xabla t'idek biss nista' ninfeda,
għalija l-mewt hi t-tama li fadalli.
Mhux jien li dħalt fl-arena biex niġġieled,
mhux jien li ġibtek hawn tissogra ħajtek.
Int tilgħab u jien dieħel fl-agunija.
Immira, matador, u ddumx iżżejjed,
nittama li tinfidni b'nifda waħda,
inħoss ħerġin id-dmija minn kull vleġġa
li sħabek deffsu f'għonqi u fi spallejja.
Dan hu d-dramm tiegħi u ma nafx il-għala,
fuq dan il-palk qed naħdem din il-parti,
u jien l-attur li jmut mal-aħħar xena.
Agħtini, matador, id-daqqa tiegħek,
bil-mewt ninħeles jien u tirbaħ inti,
vampir, eroj ta' folla li ċċapċaplek
kif jien se naqa' fl-art, maqtul bla ħtija.
Jekk Alla ra dan kollu, se jżomm miegħi,
hu biss ħanin, u llum jeħodni l-ġenna.

**OLIVER FRIGGIERI**
**(minn *Poeżiji*, Mireva Publications, 1998)**




***IL-WIĊĊ L-IEĦOR*, Rumanz ta' Ġorġ Peresso, Horizons 2019**

**FORSI DAWN HUMA XI KUMMENTI LI JGĦADDU MINN MOĦĦ IL-QARREJ-KITTIEB**
**Parti minn kumment ġeneriku ta' Tarċisju Zarb**

Jingħad, għallinqas hekk jidher li hawn min isostni, li bniedem tant jasal jiġi affaxxinat minn pittura/storja/immaġni li bħal qisu jinbela' fiha, u jibda jaħseb biha u fiha. Il-frunterjetà tal-ispazju hu, b'dan il-mod tinbela' minn dan il-pajsaġġ tal-immaġinazzjoni u huwa jinħataf minn din l-esseri li ddawru 'l hawn u 'l hinn, bħal qisu mherwla bl-istess artistiċità ġennija tagħha. Jista' jkun li hekk, li jiġri f'din in-narrattiva, jew forsi aħjar f'din l-episodiċità għaddejja tinnarra lilha nnifisha, x'imkien fil-garigori ta' personaġġ uniku, li fid-dinja ta' dik li nistgħu nsejħulha l-ħajja ta' kuljum jissejjaħ Ġorġ Peresso.

Hemm, għaldaqstant f'din in-nixxigħatità li ma toffri l-ebda linearità vera u propja ta' narraloġija, l-istħajjil għaddej minn hawn għal hinn ta' dak li forsi konna nsejħulu s-subkonxju – dik il-vastità enormi li ma tintlaħaqx u li ma hijiex kapaċi li tiġi espressa fit-totalità tagħha, mill-ebda artist, imma li forsi, wieħed jista' jieħu xi tip ta' lemħa tagħha… remota… fjakka… u forsi, imma fl-istess ħin illuminanti. Tant illuminanti li twassal lill-istess artista biex iqum imxarrab hekk kif jinħafen minn din l-istantanjetà tal-espressjoni. Minn din l-esteticità li tilma u tilmħu hekk kif affaxxinat b'din l-għaġba kollha jittanta jżomm lilu nnifsu milli jiġġennen.

U f'din l-għalqa ta' faxxinu, tidħol l-anima, dik il-'mara', jew forsi aħjar dik il-figura femminili li twasslu biex jimmaġina, joħloq, jistħajjel, isawwar u jibni realtà li hija iperreali għal din l-istess realtà mgħixa fil-ħajja ta' kuljum. Hija dak il-faxxinu, li għandu r-regoli tiegħu. Hija dik ir-realtà li għandha l-loġika tagħha, loġika, madankollu, li mhuwiex faċli li wieħed jifhimha jew jagħrafha bil-moħħ imqajjem tagħna, għax darba waħda joħroġ jew jitlaq minnha, jidħol f'renju ieħor, forsi r-renju, li hawn min jistħajlu r-renju tal-moħħ imqajjem.

Imma l-'awtur', jew forsi aħjar l-iskriba li jipprova jpinġi din ir-realtà iperreali inkonxja fil-qiegħ tal-personaġġi tiegħu, jaf u jagħraf kif isawwarhom bil-pinzellati espressjonistiċi tiegħu. Huma pinzellati li m'għandhomx iċ-ċarezza tal-moħħ imqajjem, tal-għajn li kapaċi tiddeċifra u tagħraf b'ċertezza u eżattezza dak li qiegħed jiġri, imma kulma jista' jagħmel hu li jidħol f'dawn l-ombri u hemmhekk isib din it-traġedja-komika-umana qiegħda tavverra - qiegħda sseħħ, u tagħha ma jistax jieħu ħlief lampu-leħħa, jew forsi, jekk ikun xortih tajba jieħu leħħiet.

Dawn huma l-leħħiet tal-pittur. Dawn huma l-leħħiet tal-mużikologu. Dawn huma l-leħħiet tal-artist, li ma jistax jara l-kompletezza ta' xej', imma kulma jista' jara huma d-daqqiet ta' pinzell, li forsi taħthom jaħbu r-'realtà' vera u proprja, imma darba waħda din tiġi għal-leħħa jew id-dawl tax-xemx din titlef lill-istess ruħha. Titlef lill-istess korporeità tagħha. Titlef lill-istess sens li jsawwarha u jgħaqqadha.

U huwa sewwa sew minħabba f'hekk li f'dan il-wiċċ l-ieħor li qatt ma jirnexxilna forsi niltaqgħu miegħu, aħna ma jirnexxilniex niksbu konxjożità vera u proprja, anke jekk dak li forsi wieħed isejjaħlu awtur,

bħal qisu jittieħed minn artist magħruf (Oskar Kokoschka u Alma tiegħu), li kellu l-feticċji, l-istramberiji u t-tempesti tiegħu, u jipprova bħal qisu jdaħħlu fil-kredu tan-narrattiva tiegħu, dik in-narrattiva li għaddejja l-ħin kollu tieqaf, biex bħal qisu tkompli x'imkien ieħor. U tieqaf biex imbagħad terġa' taqbad itinerarju ieħor. Biex b'hekk jissawwar bħal qisu fuq tila l-kwadru espressjonista, tagħna l-umanità – tagħna l-bnedmin, maqbudin bejn dak li huwa reali u dak li huwa irreali, bejn dak li huwa misħajjel u dak li huwa tanġibbli, bejn id-divarji kollha li tammetti dik li aħna nsejħulha l-memorja.

U l-memorja, hawnhekk għandha sehem sħiħ u importanti, għaliex il-kittieb, qiegħed ifannad il-ħin kollu f'dik li forsi nistgħu nsejħulha l-memorja remota, daqskemm il-memorja li naħdmu biha, u l-memorja li nsawru hekk kif inkunu qegħdin nibnu ħsieb fi ħsieb fi ħsieb fi ħsieb. Il-memorja, f'sens ta' linearità ta' żmien, hawnhekk tidħol hekk kif fiż-żewġ naħiet tal-mara-raġel, il-'kittieb' jipprova jsib dak li jidher u dak li ma jidhirx. Il-wiċċ li jidher fil-frugħa tiegħu. U l-wiċċ li ma jidhirx, imma li għalih hu kollox. Hemm, quddiem dak il-wiċċ bla wiċċ hemm eternità għaddejja ta' simboli li magħhom u bihom, il-kittieb jissingja fil-firmament ta' ruħu, il-fenomenoloġija kollha tal-artistrija tiegħu. U huwa sewwa sew hemmhekk, li huwa jgħaddi biex 'joqtol', jikkanċella, jekk forsi qatt jirnexxilu n-naħa forsi nistgħu nsejħulha 'femminili' ta' din il-fekundità immaġinattiva tiegħu.

Din tiegħu hija thewdina waħda, għaddejja tpinġi, issawwar u tibni sensiliet ta' sensibilitajiet u lwien f'netwerk ta' newroni għaddejjin jisparaw f'qiegħ il-moħħ tiegħu, jipprova biex minn din l-għanqbuta kollha ta' sensibilitajiet u konnettivitajiet isib xi tarf ta' din il-kobba mħabbla. Hija dik il-kobba mħabbla, li hija l-istess arti tiegħu. Arti li taf lill-istess artikulazzjoni tempestiva tiegħu. Artikulazzjoni ta' min jifhem, jara u jħoss, imma mhux wisq b'dawn l-għajnejn fiżiċi, daqkemm bl-għajnejn ikoniċi ta' qiegħ il-moħħ. Hemm fejn jissingjaw u jissempertelljaw in-narrattivi, l-aneddoti, is-sinpasi ta' min jaħseb. Konjizzjonijiet u perċezzjonijiet għaddejjin il-ħin kollu jikkastellaw u jibnu ċittadelli, fantasija, immaġnazzjonijiet, relazzjonijiet, sensorjetajiet, ġennijiet, li bħala kittieb-artist, il-moħħ jista' biss jobrox il-wiċċ, imma qatt ma jista' jasal biex jagħraf bħal qisu taħt xi MRI enormi, il-kifijiet u l-ixfattijiet ta' ruħu.



Il-wiċċ l-ieħor, għaldaqstant jeżisti. Jew forsi wkoll ta' min jgħid li hemm l-uċuħ l-oħra aktar milli wiċċ wieħed. U dawn l-uċuħ, l-'awtur' jittanta jigref xi ftit mill-iskorċa tagħha permezz ta' dal-fenomenu tal-grafiċità – il-fenomenu tal-kitba. Il-fenomenu tat-tattilità. Dak il-fenomenu li l-kittieb isibu biss fil-kitba, li mhijiex ir-realtà vera u proprja tar-relazzjonar tal-bnedmin ma' bnedmin. U forsi hawnhekk il-mara-feticċju tinqered. Għax forsi din il-mara, hija tqila wisq biex wieħed jifhimha, jagħrafha. Jissaportiha. Hija tqila wisq biex wieħed ifannadha. Hemm wisq terriċċju. Wisq turbien li wieħed irid ifannad fih, biex forsi, jifhem din in-naħa l-oħra ta' din it-tiswira mħabbla li ngħidulha bniedem.

Aħna nħobbu niġu pprovakati, hawn min forsi jgħid. U forsi anke Ġorġ innifsu, għandu mnejn fil-konverżazzjonijiet muti tiegħu, għandu mnejn jgħid l-istess ħaġa, imma fir-realtà aktar milli aħna jew Oskar Kokoschka jipprovakana, hija l-istess ħajja li tipprovakana. Huma l-istess sussulti għaddejjin kontinwament fil-qiegħ nett tal-ħolm rieqed jitqalleb ta' ġo fina li jiskurmentawna u jqajmuna mxarrbin għasra mill-ħolma tagħna biex insibu ruħna f'ħolma

oħra. Hija sensiela ta' forsijiet għaddejjin il-ħin kollu, f'moħħ bniedem li mhux talli ilu jaħseb u jimmetaforizza sa minn meta kien għadu żgħir, imma aktar minn hekk daħal huwa wkoll fid-dinja tal-arti tal-kitba, tal-mużika u tal-pittura, b'tali mod u manjiera, li diffiċli, issa joħroġ minn din l-iperrealtà li kkastella ruħu fiha.

L-iperrealtà ta' Ġorġ Peresso, bħala kittieb uniku, li sawwar u bena lill-personalità tiegħu bin-narrattivi ġejjin u sejrin minn kull naħa tal-ispirtu kreattiv tiegħu, issa qalulu: Irriduk magħna u għalina. U ngħiduha kif inhi, waqt li tkun qiegħed titkellem ma' Ġorġ, il-bniedem, tħossok, li meta jinzerta jidħol f'xi għalqa, triq jew post ta' narrattiva-mistħajla-filosofika-mistika, il-Ġorġ iħossu f'postu. U m'hemmx isbaħ milli wieħed jibni d-dimora tiegħu, u hemm iqatta' l-jiem tiegħu sbieħ u mhux daqshekk sbieħ mal-mużikalità jew id-dissonanza tal-istrumenti kollha tal-lewn tat-tila, il-kelma u n-noti.

Nawgura lil Ġorġ Peresso aktar kitba. Il-kitba tgħinna lkoll. Nissuġġerixxi li dan ir-rumanz jinqara minn kull min jara fin-narrattiva, mod kif aħna nfanndu fil-qiegħ nett tat-tempesti kontinwi ta' moħħna. Bilħaqq, Stendhall u s-sindromu tiegħu, għandu mnejn, l-istess bħala Kokoschka, jifhmuh ħafna aktar dan it-tip ta' diskors.

**FORSI DAWN HUMA SILTIET EWLENIN MIR-RUMANZ**

**Siltiet mir-rumanz**

....L-iżveljarin idoqq. Preċiż. Dejjem fl-istess ħin. Fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu. Bħal dejjem. Ikun fetaħ għajnejh dawk il-ftit sekondi qabel idoqq l-iżverljarin, jistennieh idoqq bla ma jaħsdu. .... Hu jħares ċass lejn l-iżveljarin ċass. Iħallih idoqq sakemm jaqta' nifsu. Bħal kull filgħodu. U jibqa' jħares lejh, kważi jkellmu. F'dik il-kamra ċassa u siekta ħlief għal dak il-ħoss jinfirex mal-kamra żgħira, mal-ftit għamara, ma' soddtu b'mod partikolari. Mal-għabra. (Qabel it-Tmiem. Jew Forsi p. 11)

...u jisma' silta minn sinfonija ta' Gustav Mahler, tqila għal uħud kmieni kmieni, hi liema hi, imqar qasira, qisha oroskopju tal-burdata tiegħu, li ma kienx jintefa' jikteb jew iqalleb il-kotba. (p. 13)

Imma mindu raha, dan tbiddel. Speċjalment l-irqad. Kontra qalbu, kellu jammetti. Iġibha quddiem għajnejh. Tiġi. Tidħaq. (p. 19)

Dan id-dramm iġegħelni nifhem il-pittur. Il-bniedem. Kif qed tara, fih ftit kliem .... Kokocshka. Oskar Kokoschka. (Wiċċha. Wiċċ Flora. Il-Bidu. P. 26)

Hekk xtaqt, nisħet lili nnifsi. U hekk għamilt. Mill-ewwel darba li rajtha, kont... ma nixtieqx ngħid, iġġennint.... (p.32)

"Ara, miegħek nista' nitkellm ċar. Forsi, anzi mingħajr forsi, jien għalik tfajla moħħ ir-riħ. Xi immaġni tal-mitoloġija tieħu sura fija. (Wiċċ Medusa, p. 39)

"Ftit ġimgħat oħra sejjer l-Iżvizzera. Trid tiġi miegħi? Se nagħti konferenza f'Basle. Hemm pittura famuża tiegħu. It-Tempesta jew L-Għarusa tar-Riħ. (Wiċċ Nuda Veritas p. 49)

Lilha ma rahiex. Lanqas ċemplet. Imma lejl minnhom ħolom biha. Jew aħjar b'Alma Mahler, mart Gustav Mahler u maħbuba ta' Kokoschka kif pinġieha fil-kapulavur tiegħu, L-Għarusa tar-Riħ. Imma flok Alma kien hemm hi u flok Koskoschka kien hemm hu, kważi wiċċ impassibbli ta' Kokoschka, imma jaf li dak hu mhux il-pittur. (L-Għarusa tar-Riħ p. 62)

Għadda biex jitkellem fuq pitturi li fihom daħħal lill-maħbuba tiegħu, Alma. Waħidha. Magħha, anki nudi t-tnejn iħarsu b'arroganza lejn in-nemmiesa jittawlulhom, dettalji ta' ġismha, imqar l-irkoppa. (Wiċċ Kokoschka p. 79)

"Xejn serju," serraħlu rasu l-ispeċjalista. "Tensjoni, stress, tipiċi f'nies tal-arti, dak kollu. Kemm nordnalek ftit kalmanti u pilloli biex tikkontrolla l-pressjoni. Imma, isma' mnni, ibqa' xi erbat ijiem oħra Basle." (p. 81)

Kont naf x'kelli. Is-sidromu ta' Stendhal. (Wiċċ Kokoschka. P. 82)

Biex it-tempesta tnin. Bħalma warrabt lil Oskar Kokoschka mill-katalgu ta' moħħi. Biex wiċċu u l-mewġ u r-riħ ma jaħkmunix. Biex jien noħroġ minn fejn Alama u Oskar Kokoschka. Minn bejn hi u l-maħbub ġdid tagħa. Li offrielha fi plattin tal-fidda l-ħolma tal-lussu. ... Kelli nerġa' naraha ħmistax-il sena wara. (Wiċċ Kokoschka p. 83)

**KULL META JMUT POETA**
**Lill-poeta Carmel Attard (1943-1994)**

Kull meta jmut poeta tiksaħ l-arja,
it-tajr tal-ajru jehda mit-twerżiq,
ix-xemx maqfula tnemmes taħt ix-xefaq,
is-sħab ineffaħ bl-ilma jixgħel sfiq.

Kull meta jmut poeta l-lejl jiddennes,
il-qamar isir wiċċ vampir furjuż,
il-kwiekeb iebsa jaqgħu waħda waħda...
ir-riħ iħuf imbixkel u kurjuż.

Kull meta jmut poeta l-annimali
iqumu mherwla mal-iddin stunat,
mirżuħ jibbies il-ġilju safi fl-ilma
u jdellel fkieren ma' ħut sangwinat.

Kull meta jmut poeta l-anġli jiżfnu.
F'qaqoċċa jduru m'Alla jimsaħ demgħa.
Poeta tal-poeti, Alla jbusu,
u jroddlu l-jedd li jgħanni wkoll mis-sema.

**LOUIS BRIFFA**
**(minn *Bil-Boqxiex*, 2018)**

**F'ALTAMIRA**

Mikula mgiddma s-sekli
fl-għar li ra 'l ommi
tilheġ biex twelled lili
jien mal-ħajt gendus
inħażżeż
bl-ambra u l-faħam
u bħal raħeb
għal tuli
fl-art ninxteħet
intiegħem it-togħma
tat-tafal immellaħ
nistenna l-id t'Alla
titriegħed
u bħal ħuġġieġa
tivvampja ġo fija
l-misteru
ta' qabel il-bidu
meta marsus
kien għadu
l-univers fil-fosdqa.

**ANDREW SCIBERRAS**
**(minn *Rikorrenza Eterna*, 2019)**

**FEJN TKUN QIEGĦED?**

Fejn tkun qiegħed
meta leħnek tant jitbiegħed
li ma jkunx jasal f'widnejja?

Jiena nkun nitħabat waħdi,
fuq il-gverta,
bir-raxx mielaħ fuq ħaddejja
qed nissara mal-imwieġ
b'tama dgħajfa, xejn mhi ċerta,
li ma jdumx ma jerġa' l-baħar
kalm u ħiemed qisu ħġieġ.

Fejn tkun qiegħed?
Rieqed waħdek ġo l-istiva
f'vena ħiemda u passiva?

Mhux li kont, meta nsejjaħlek,
tqum fil-pront
u taħfinni
u tagħġinni
f'dak il-baħri  sod, qalbieni
li għad s'issa qatt ma kont!

**CARMEL G. CAUCHI**

**L'AMORE MIO**

L'amore mio non è mai capricci
non è la consapevolezza che uno deve fingere,
non è la convenienza,
neanche fatto di colori
coi quale uno puo dipingere
le sue ragioni.
L'amore mio è abissale
come le tenebre
e la profondità del tuo mare.
E poi mi domandano
se ormai è troppo tardi
per amarsi,
o perché è più possibile
di sentirmi cosí solo
come quando sono con te.

**ALFRED GRECH**

**META NISTRIEĦ, NIEKLU FLIMKIEN**

Le ma nistgħux nistrieħu flimkien ħabib
jekk matul il-mixja jien ġrejt kemm flaħt
sakemm int bqajt b’pass kajman.
Ma nistax nerfagħlek is-salib tiegħek ukoll
jekk sakemm sibt Ċirinew jerfgħahulek
jien kont mimdud taħtu.
Ma nistax nagħtik tixrob mit-tazza ilma tiegħi
jekk meta ma kellix biex nitrejjaq,
int kont fis-sakra.

Imma meta nistrieħ
mhux se nagħmel bħalek.
Mhux se nħallik ixxomm ir-riħa tal-ikel
u tibqa’ bil-ġuħ.
Mhux se nħallik bix-xabla fuq rasek
bħalma kont jien.
Xi darba għad jien u int ukoll ħabib
nieklu flimkien.

**OMAR SEGUNA**

**ĠIBULI LURA ŻMIEN IL-ĦREJJEF**

Taħsbux li moħħi qed jiħfief,
moħħi għadu f’siktu.
Li ġrali hu
li  xbajt ngħix f’dinja
fejn id-dritt huwa dejjem mgħawweġ,
l-inġustizzja refgħet rasha darb’għal dejjem
u min hu rett qajla jista’ jsamma’ leħnu.

Nixtieqni għadni nemmen f’dawk il-ħrejjef
li bihom  nogħxa  kont f’żerniq il-ħajja,
fejn il-ħażin aktarx li jitlef,
waqt li t-tajjeb jirbaħ;
tara qargħa ħamra ssirlek karozzella,
iż-żrinġ muqżież jinbidel f’prinċep sbejjaħ
u bewsa waħda tagħti nifs il-ħajja.
Il-lupu qatt aktar lill-bnedmin jaħtaf,
u s-sħaħar kiefra ġo borma tagħli mietu.

Ma ninsa qatt dal-ħrejjef kollha ġmiel
fejn it-twajjeb tama hemm li jgħix fis-sliem.
Kemm hu eħfef li nemmen f’dawn il-ħrejjef
milli nitma rebħa llum għal min hu dgħajjef!

**LINA BROCKDORFF**

**AĦRAB GAMIEMA**

Jaħasra gamiema,
hawnhekk ġejt tistrieħ
fuq dan-naqra ta' skoll?
Tassew mhux ilkoll,
imm'hawn ħafna qegħdin jistennewk
sabiex jagħtuk merħba bin-nar.
Mhux nar tal-murtali mlewnin,
jew ħġejjeġ għall-gost imqabbdin.
Mhux fjakkoli jħeġġu mitqiesa b'tiżjin,
imma tiri fatali minn kanen azzar
jobżqu balal taċ-ċomb jaħraq nar.

Aħrab gamiema,
mur fittex x'imkien fejn tistrieħ
u tibni bejtietek,
fis-sliem.
Bewweġ minn magħna,
għax hawn qed tissoġra bis-sħiħ
li jasal għal ħajtek...
it-tmiem.

**CHARLES MIFSUD**

**F'MOHHNA**

Fl-assurdità ta’ ħajjitna
u l-bluha ta’ fehmitna
fittixna raġuni għal eżistenza
b'egu midwi bil-vanità
w'injoranza filistina…

u f'metamorfożi fariżejka
sibna l-vojt f'irwiħna
u bl-għamad tal-apparenza
'nfexxejna fil-ġustifikazzjoni,
u 'ssublimajna ħajjitna...

għax ma lħaqniex
il-quċċata li bnejna…
f'moħħna!

**MANUEL CASHA**

**WHY NOT WE AIM**

So uncertain; yes, life is an ever changing mirage
if we discard earthly passions, it brings a change.
Yes, the world is infested with the disease of conceit
except thorns; how come cozy petals one can
expect?

Like a lake that dries up when the water recedes
often, hope after hope fades as fleeting time
unfolds;
under the toxic and illusionary bonds of delusion
we fail to apprehend, what is reality and illusion.

Like a frog in a small pool disregarding the ocean
we revolve in a sphere of self-centric ambitions;
the day we remove the desire-laced thorny pearls
the light of wisdom, yes, lights-up the path of petals.

Like a combination of cozy petals and sharp thorns
life is a combination of both delights and mourns;
unless inner foes like desire, anger, greed are
plucked
the path of petals is eternally elusive and blocked.

Gifted with mind power as also with power of
discretion
why not we aim to light the lamp of righteous vision;
the ocean of virtue; pleasant, cool, soft and fragrant
shall transform every day and every moment as
vibrant.

**ASHOK CHAKRAVARTHY THOLANA**
***L-Indja***

**THE CHALLENGE**

The idea of death
has its roots
in the shadows
which venture in the night
into dreams.

There, each word
becomes liquid
and it is contained
in the poet's fever.

The air subjugates
the abyss to its will.
I am not ashamed
to challenge my critics:
Throw the first stone
you, who have never
dreamed of death!

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

**NIGHT OF LOVE**

Candles crackle,
burn in the night,
more, my friend, it is not over,
I hear beating of the heart.
You are like a white lily
glittering among water,
surrender to love boldly,
it is your turn.
Be gentle and submissive,
throw away the doubts,
run like a mountain stream,
and let dominates the night!

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
**(minn *Mirrors of Love*, 2015)**
**Ir-Russja**

**SCUOLA**

Mio zio dice
che andare a scuola non serve.
Mio zio dice
che può insegnarmi lui
a leggere e scrivere.
Mio zio dice
che ha imparato tutto da solo.

Ma io voglio imparare
qualcosa di più
che leggere e scrivere
solo Il mio nome.

**ROBERTO MALINI**
**(minn *Il silenzio dei violini*, Edizioni Il Folgio, 2012)**
***L-Italja***




### *MAL-FANAL HEMM ĦARSTEK TIXGĦEL* ta' Oliver Friggieri, Merlin Library 1988

Din hija ġabra ta' poeżiji (137 paġna) li Oliver Friggieri kiteb bejn l-1961 u l-1988, miġbura u magħżula minn Toni Cortis. Il-ġabra ta' poeżiji f'dan il-ktieb - imqegħdin f'ordni kronoloġiku - tifrex mela fuq 27 sena minn meta Friggieri kien għadu żagħżugħ ta' 14-il sena sa ma wasal għall-maturità poetika. Għalhekk dawn huma poeżiji li juru l-iżvilupp stilistiku u tematiku ta' dan il-poeta. Cortis jinnota fid-Daħla li hemm qbil bejn il-ħajja tal-poeta u x-xogħlijiet tiegħu. Bħala eżempji tar-rabta bejn il-ħajja u l-poeżija Cortis isemmi t-tliet eleġiji għal żewġ uliedu mejtin, *Pellegrin Distratt*, *Ribell Ġentili* u *Mur Orqod, Binti*. Insibu wkoll inklużi poeżiji fejn Friggieri jirrifletti dwar ġrajjiet kurrenti. Ta' min ifakkar li wara din il-ġabra Oliver Friggieri baqa' jikteb il-poeżiji li fost oħrajn inġabru f'volum imdaqqas bl-isem ta' *Oliver Friggieri: Il-Poeżiji Miġbura*, ippubblikat mill-Mireva Publications u li ħareġ fl-2002.




### *XI DRABI MQAR PERSUNA* ta' Simone Galea, Klabb Kotba Maltin 2011

F'din il-ġabra ta' poeżiji nsibu 44 poeżija li jinqasmu f'żewġ taqsimiet ewlenin: fl-ewwel parti li ġġib l-isem ta' "Xi darba mqar persuna" nsibu 39 poeżija, filwaqt li fit-tieni parti, "Xi drabi mqar poeta", tiġbor fiha 5 poeżiji. Din il-poetessa, li twieldet fl-1967 u li tgħallem il-Filosofija tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, tħaddem il-vers ħieles tal-poeżija moderna. Interessanti hija t-tieni taqsima fejn permezz tal-versi tagħha Galea toħloq bħal djalogu - imma hu iktar minn hekk - ma' poeti stabbiliti Maltin bħal Achille Mizzi, Ġorġ Borg, Marjanu Vella, Rużar Briffa u Victor Fenech. Dan il-ktejjeb ta' ftit iktar minn 60 paġna jagħlaq b'żewġ kummenti kritiċi ta' żewġ kittieba u poeti oħrajn li huma Maria Grech Ganado u Immanuel Mifsud. Għal Grech Ganado Galea "tirrappreżenta lin-nisa Maltin f'kull ma tikteb, mhux biss għax leħinha huwa intrinsikament dak ta' mara, imma wkoll għax ix-xbihat għandhom is-saħħa ta' xbihat marbutin mal-kultura Maltija - il-baħar, ir-riħ, is-sajf, il-ġewlaq, l-immigranti klandestini..." Għal Mifsud bil-poeżija tagħha "Galea tirrakkonta ġisimha... huwa ġisem li jweġġa', li jbati, li jixtieq u jixxennaq, li jisbieħ u jikrieh, li jitqal u jiled, li jimrad, li jfiq, li jissaħħaħ u jiddgħajjef." Il-poeżija Maltija mhix miktuba biss minn poeti irġiel... L-għadd tal-poeti nisa li ma jibżgħux iberrħu "jienhom" żdied qatigħ.




**_KARNIVAL_ ta' Francis Ebejer, Klabb Kotba Maltin, 1977**

Fil-bidu ta' dan id-dramm li jtul mas-67 paġna naqraw li rebaħ il-Premju Atturi-Rothmans, 1976, u li nħadem għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel mill-Atturi Theatre Grupp f'Ottubru tal-1977, b'direzzjoni ta' Mario Philip Azzopardi. Huwa dramm li jinqasam fi tliet atti u li bħala żmien jifrex fuq tlitt ijiem, il-Ħadd, it-Tnejn u t-Tlieta tal-Karnival. Kif jidher mill-qoxra tal-ktieb hawn fuq Karnival ġie ppubblikat ma' żewġ drammi oħra ta' Ebejer, *Meta Morna tal-Mellieħa* (imtella' għal iktar minn darba fl-1976) u *Vum-Bazala-Żungaré* (ippreżentat għall-ewwel darba fl-1973). F'*Karnival* ikompli jħares lejn il-ħajja kontemporanja ta' pajjiżu f'dan iż-żmien - imma anki matul is-sena kollha - meta bosta jilbsu l-maskra filwaqt li oħrajn jagħżlu li le. Ebejer joħodna r-Rabat u jlaqqagħna ma' żewġ familji ta' klassijiet soċjali differenti minkejja li t-tnejn sinjuri u li joqogħdu faċċata ta' xulxin. Ma jonqsux il-kuntrasti li huma wkoll rifless tal-ħajja ta' kuljum.




**_ĦELSIEN_ ta' Ġużè Bonnici, SKS 1985**

Dan ir-rumanz ta' ftit iktar minn 200 paġna oriġinarjament ħareġ fl-1940. Kif jikteb Mario Cassar f'"Leħen il-Malti", Għadd 25-26, "*Ħelsien* jieħu sehem bis-sħiħ fl-evoluzzjoni tar-rumanz realista li beda jgħolli rasu fis-snin tletin", meta r-realiżmu lokali "kien mera ta' soċjetà kumplessa li bdiet titlob doża qawwija ta' osservazzjoni soċjoloġika." Cassar ifakkar li *Ħelsien* kien rumanz kuraġġuż għal żmienu, anki minħabba t-temi skabrużi bħall-konkobinaġġ u l-qtil politiku, li għenu qatigħ biex iċaqalqu l-klima konservattiva. Oliver Friggieri jikteb li lingwistikament *Ħelsien* iservi bħala forma ta' interpretazzjoni lessikali tal-lingwa. Bonnici xtaq jiskopri x-xejriet qodma, ġewwiena, tal-vokabularju, waqt li baqa' 'l bogħod kemm jista' jkun mill-kliem li fi żmienu kien meqjus bħala "barrani", għajn ta' taħsir tal-karattru proprju tal-Malti. Friggieri jikteb ukoll li fin-narrattiva tiegħu Bonnici jitfa' importanza ewlenija fuq il-persuna, mifhuma bħala xi ħadd uniku u sħiħ, distint mill-oħrajn kollha. (ara "Il-Malti", Settembru 2005)




### *XEMGĦAT - NOVELLI* ta' Trevor Żahra, Merlin 2017

F'dan il-ktieb ta' ftit inqas minn 300 paġna nsibu miġburin mat-23 novella miktubin minn Trevor Żahra u li dehru matul is-snin f'ġabriet ta' novelli tiegħu bħal *Lubien*, *Provenz*, *Sepja*, *Penumbra* u *Vespri*. F'dawn ir-rakkonti ta' tulijiet differenti Żahra jittratta varjetà ta' temi jew motivi, fosthom il-biża' u s-superstizzjonijiet, it-tifkira, it-tfulija fuq naħa u x-xjuħija u l-mewt fuq l-oħra, l-ambjent naturali, il-familja, bit-tajjeb u l-ħażin li ġġib magħha (fosthom il-vjolenza domestika, il-firda u l-inċest), il-faqar, il-prostituzzjoni, l-inizzjazzjoni għad-dinja tal-adulti, il-progress fuq livell materjalistiku li Malta għaddiet minnu matul is-snin, l-emigrazzjoni, l-ossessjoni, il-frammentazzjoni tal-jien, is-cyberbullying, l-erotiżmu, il-limiti tal-provinċjaliżmu, ir-relazzjoni interġenerazzjonali, il-metanarrazzjoni, u ħafna iktar.

Stilistikament Trevor Żahra jħaddem bosta mekkaniżmi letterarji, ritmi u tonitalitajiet differenti. Fost dawn jispikka l-kuntrast: bejn il-ġibdiet tal-ġisem u l-leħen il-kuxjenza; it-tfulija u x-xjuħija; l-imgħoddi u l-preżent; l-imħabba u l-mewt (anki tal-istess imħabba); id-dinja reali u dik tal-ħrafa jew fantastika; id-dinja ta' barra u dik ta' ġewwa (mhux biss ta' min hu magħluq ġo kamra imma anki dak li wieħed iħoss fl-irkejjen sigrieti ta' "jienu"); gwerra u namur. Jidwu f'moħħ il-qarrej matul il-qari ta' dawn ir-rakkonti ħrejjef bħal Pinokkju, Jack and the Beanstalk, Beauty and the Beast, Bajda Silġ u s-Seba' Nani, Peter Pan, u Barnuża Ħamra.

Apparti l-kuntrast ir-rakkonti ta' Żahra jissaħħu permezz tad-diskors dirett, id-deskrizzjoni u d-dettall li jingħataw, il-flashback, l-ewfemiżmu, l-element tar-realiżmu maġiku, ir-riferimenti intertestwali, it-tensjoni li xi drabi tinbena, l-istennija, il-gradazzjoni, l-ambigwità, l-umanizzazzjoni ta' oġġetti varji, l-umoriżmu, l-indirizz dirett lill-qarrej, ir-rakkont ġor-rakkont ewlieni, l-ironija, l-anticlimax, u iktar.

Hemm drabi meta Żahra jittratta suġġetti skabrużi bħas-suwiċidju, l-inċest, l-omosesswalità, il-vjolenza, l-istupru u l-abbuż, l-orgażmu (xi drabi b'mod espliċitu, drabi oħra sottilment), suġġetti li jistgħu jdarrsu lil xi wħud minkejja li huma parti mill-ħajja. Dan jagħmlu anki biex ifakkarna fil-varjetà illimitata li l-ħajja toffrilna bit-tajjeb u l-ħażin tagħha, u dan ifakkarna li nistgħu nitgħallmu saħansitra mill-aspetti koroh u negattivi ta' din l-esperjenza umana. Hemm drabi meta r-rakkont inissel togħma qarsa, oħrajn meta t-tmiem mhux hieni, oħrajn meta l-qarrej jistaqsi "Imma x'hemm x'titbissem dwar dan kollu?".

Spazjalment Żahra jambjenta l-azzjoni f'imkejjen differenti: uffiċċju ta' psikjatra (fejn jinkixef dak li hu mistur u intimu), l-ispazju domestiku fejn taġixxi l-familja, anki dik estiża, il-kamra tas-sodda, il-ħġieġa li tifred l-ispazju intern ta' kamra minn dak li qed iseħħ barra fit-triq, il-knisja, il-ġnien bħala spazju favurit tat-tfulija, imma anki bħala spazju maġiku u fantastiku, id-dar tax-xjuħ, imma anki spazji (jew non-spazji) li jinsabu x'imkien bejn id-dinja li nafu biha u dimensjonijiet iktar okkulti.

Dan hu s-sabiħ ta' ġabra ta' rakkonti: huma kitbiet li ma jtulux ħafna, u varjati kemm tematikament kif ukoll stilistikament. Kollox jgħin biex il-qarrej ikompli jaqra bla ma jegħja.